IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.10.2014
COM(2014) 667 final

2014/0309 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal- Unjoni Ewropea (Kodifikazzjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa tal-poplu, il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lis-simplifikazzjoni u liċ-ċarezza tal-liġi tal-Unjoni sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli għaċ-ċittadini biex b'hekk toffrilhom opportunitajiet ġodda u ċ-ċans li jagħmlu użu mid-drittijiet speċifiċi li tagħtihom.

   Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi, spiss b'mod sostanzjali, jibqgħu mferrxin bejn l-att oriġinali u atti sussegwenti li jemendaw l-att oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' xogħol ta' riċerka konsiderevoli li jqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli attwalment fis-seħħ.

   Għalhekk huwa essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tkun ċara u trasparenti.

2. Fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet[1] li tordna lill-persunal tagħha li kull att għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, filwaqt li enfasizzat li din hija kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke f'intervalli iqsar biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tagħhom ikunu ċari u jinftiehmu malajr.

3. Dan ġie kkonfermat mill-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992)[2], filwaqt li saħqu fuq l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza f'dak li jirrigwarda l-liġi applikabbli għal suġġett partikolari f'mument partikolari.

   Il-kodifikazzjoni għandha ssir f'konformità sħiħa mal-proċedura normali għall-adozzjoni ta' atti tal-Unjoni.

   Billi l-ebda bidla sostanzjali ma tista' ssir fl-atti li jiġu kkodifikati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu, permezz ta' ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994, li jista' jintuża metodu ta' ħidma aċċelerat għall-adozzjoni rapida ta' atti ta' kodifikazzjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta huwa li ssir il-kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea[3]. Ir-Regolament il-ġdid jissostitwixxi d-diversi atti inkorporati fih[4]; din il-proposta żżomm il-kontenut kollu tal-atti li qed jiġu kkodifikati u għalhekk kulma tagħmel huwa li tgħaqqadhom flimkien filwaqt li tagħmel biss l-emendi formali meħtieġa mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.

5. Il-proposta ta' kodifikazzjoni tħejjiet fuq il-bażi ta' konsolidazzjoni preliminari, fit-22 lingwa uffiċjali tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1225/2009 u tal-atti li jemendawh, magħmula mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' dejta. Fejn l-Artikoli ġew innumerati mill-ġdid, il-korrelazzjoni bejn in-numri qodma u ġodda tidher fit-tabella li tinsab fl-Anness II tar-Regolament ikkodifikat.

---

1 COM(87) 868 PV.
2 Ara l-Anness 3 tal-Parti A tal-Konklużjonijiet.
3 Imdaħħla fil-programm leġiżlattiv għall-2014.
4 Ara l-Anness I ta' din il-proposta.

↓ 1225/2009 (adattat)

2014/0309 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal- ⌦ Unjoni ⌫ Ewropea (Kodifikazzjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni ⌫ Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ⌦ 207(2) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[5],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

↓ 1225/2009 premessa 1 (adattat)

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru ⌦ 1225/2009 Unjoni[6] ⌫ ġiet emendata kemm-il darba[7] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

↓ 1225/2009 premessa 3 (adattat)

(2) Il-Ftehim fuq l-Implimentazzjoni ta' l-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 ("l-Ftehim ta' kontra d-Dumping tal-1994"), fih regoli fid-dettall, li għandhom x'jaqsmu b'mod partikolari mal-kalkolu dumping, il-proċeduri għall-bidu u t-tkomplija ta' investigazzjoni, li jinkludu l-istabbiliment u t-trattament tal-fatti, l-imposizzjoni ta' miżuri proviżorji, l-imposizzjoni u l-ġbir ta' dazji kontra dumping, it-tul u l-ħarsien mill-ġdid tal-miżuri kontra dumping u t-tagħrif pubbliku ta' l-informazzjoni li jkollu x'jaqsam ma l-investigazzjonijiet kontra dumping.

(3) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni xierqa u trasparenti tar-⌦ regoli tal-Ftehim ta' kontra d-Dumping tal-1994, il-lingwaġġ ta' dak il-Ftehim għandu jiġi rifless ⌫ fil-leġislazzjoni tal- ⌦ Unjoni ⌫ sa fejn ikun possibbli.

[5] ĠU C […], […], p. […].

[6] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).

[7] Ara l-Anness I.

↓ 1225/2009 premessa 4 (adattat)
→1 Rettifika, ĠU L 7, 12.1.2010, p. 22

(4) Fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli huwa essenzjali, sabiex jiġi miżmum il-bilanċ tad-drittijiet u l-obbligi li →1 l-GATT jistabbilixxi ←, li l- ⊠ Unjoni ⊠ tagħti każ ta' kif inhuma interpretati mis-soċji kummerċjali ewlenin tal- ⊠ Unjoni ⊠.

↓ 1225/2009 premessa 5 (adattat)

(5) Huwa mixtieq li jiġu stabbiliti regoli ċari u fid-dettall dwar il-kalkulazzjoni tal-valur normali. B'mod partikolari, valur bħal dan għandu fil-każijiet kollha jkun ibbażat fuq bejgħ rappreżentattiv fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ fil-pajjiż ta' esportazzjoni. Jaqbel li tingħata gwida dwar meta partijiet jistgħu jitqiesu bħala assoċjati għall-għan li jiġi stabbilit id-dumping. Huwa tajjeb li jiġu definiti ċ-ċirkostanzi li fihom il-bejgħ domestiku jista' jiġi kkunsidrat li jkun qiegħed isir b'telf u jkun jista ma jiġix meqjus, u fejn jista' jkun hemm rikors għal bejgħ li jibqa, jew għal valur normali maħdum, jew għal bejgħ lejn pajjiż terz. Huwa wkoll xieraq li jsir tajjeb għall-allokazzjoni xierqa ta' l-ispejjeż, anke f'sitwazzjonijiet tal-bidu u li tiġi stabbilita gwida biex tiddefinixxi l-bidu u l-estent tal-metodu ta' allokazzjoni. Huwa wkoll meħtieġ, fil-ħidma tal-valur normali, li tiġi indikata l-metodoloġija li għandha tiġi applikata fil-kalkolu ta' l-ammonti għall-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi u l-marġini tal-profitt li għandhom jiġu inklużi f'valur bħal dan.

↓ 1225/2009 premessa 6

(6) Fil-kalkolazzjoni tal-valur normali għall-pajjiżi ta' ekonomija mhux tas-suq, ikun jidher prudenti li jiġu stabbiliti regoli għall-għażla tal-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq xierqa li għandu jiġi wżat għal dan il-għan u, fejn ikun possibbli li jinstab pajjiż terz xieraq, biex jipprovdi li l-valur normali jista jiġi stabbilit fuq kwalunkwe bażi raġonevoli oħra.

↓ 1225/2009 premessa 7 (adattat)

(7) Huwa xieraq li jiġi ddefinit il-prezz ta' esportazzjoni u li jiġu nnumerati l-aġġustamenti li għandhom jiġu magħmula f'dawk il-każijiet fejn jitqies li jkun hemm bżonn ta' kostruzzjoni mill-ġdid ta' ⊠ dak ⊠ il-prezz mill-ewwel prezz tas-suq miftuħ.

↓ 1225/2009 premessa 8 (adattat)

(8) Bil-għan li jiġi żgurat paragun xieraq bejn il-prezz ta' l-esportazzjoni u l-valur normali, huwa ta' min jiġu elenkati l-fatturi li jistgħu jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragun tal-prezz u li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi dwar meta u kif l-aġġustamenti għandhom isiru, inkluż il-fatt li kwalunkwe duplikazzjoni ta' l-aġġustamenti għandha tiġi evitata. Huwa wkoll meħtieġ li jiġi previst li l-paragun ikun jista' jsir bl-użu ta' prezzijiet medji għalkemm prezzijiet individwali għall-esportazzjoni jistgħu jiġu mqabbla mal-valur normali medju fejn ta' l-ewwel ivarja skond il-klijent, ir-reġjun jew il-perjodu taż-żmien.

↓ 1225/2009 premessa 9 (adattat)

(9) Huwa ⌦ mixtieq ⌫ li tiġi stabbilita gwida ċara u fid-dettall tal-fatturi li jistgħu jkunu rilevanti għall-kalkolazzjoni ta' jekk l-importazzjonijet li huma l-oġġett ta' dumping ikunux ikkawżaw ħsara materjali jew ikunu qegħdin jheddu li jikkawżaw ħsara. Sabiex jintwera li l-volum u l-livelli tal-prezz ta' l-importazzjonijiet konċernati huma responsabbli għall-ħsara sostenuta minn industrija tal- ⌦ Unjoni ⌫, għandha tingħata attenzjoni għall-effett ta' fatturi oħra u b'mod partikolari għall-kondizzjonijiet tas-suq prevalenti fil- ⌦ Unjoni ⌫.

↓ 1225/2009 premessa 10 (adattat)

(10) Huwa xieraq li jiġi ddefinit it-terminu "industrija tal- ⌦ Unjoni ⌫" u li jiġi previst li l-partijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-esportaturi jiġu esklużi minn industrija bħal din, u li jiġi ddefinit it-terminu "relatat". Huwa wkoll meħtieġ li tiġi prevista azzjoni kontra dumping li għandha ssir għan-nom ta' produtturi f'reġjun tal- ⌦ Unjoni ⌫ u li jiġu stabbiliti linji ta' gwida dwar id-definizzjoni ta' reġjun bħal dan.

↓ 1225/2009 premessa 11 (adattat)

(11) Huwa meħtieġ li jiġi ⌦ speċifikat ⌫min jista' jagħmel ilment kontra dumping, inkluż l-estent sa fejn għandu jiġi appoġġjat mill-industrija tal- ⌦ Unjoni ⌫, u l-informazzjoni dwar dumping, il-ħsara u l-kawża li lment bħal dan għandu jkun fih. Huwa wkoll ta' min jiġu speċifikati l-proċeduri għar-rifjut ta' l-ilmenti jew il-ftuħ tal-proċeduri.

↓ 1225/2009 premessa 12 (adattat)

(12) Huwa meħtieġ li jiġi ⌦ speċifikat ⌫ il-mod li fih il-partijiet interessati għandhom jiġu mogħtija notifikazzjoni ta' l-informazzjoni li l-awtoritajiet jeħtieġu, u għandu jkollhom opportunità biex jippreżentaw l-evidenza kollha rilevanti u biex jiddefendu l-interessi tagħhom. Huwa wkoll mixtieq li jiġu stabbiliti b'mod ċar ir-regoli u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti matul l-investigazzjoni, b'mod partikolari r-regoli li permezz tagħhom il-partijiet interessati għandhom jagħmlu lilhom nfushom magħrufa, jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom u jissottomettu informazzjoni f'limiti ta' żmien speċifikati, jekk għandha tingħata attenzjoni għall-opinjonijiet bħal dawn u għal informazzjoni bħal din. Huwa wkoll xieraq li jiġu stabbiliti kondizzjonijiet li taħthom parti interessata jista' jkollha aċċess għal, u li tikkummenta fuq, l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet oħra interessati. Għandu wkoll ikun hemm koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-ġbir ta' l-informazzjoni.

↓ 1225/2009 premessa 13 (adattat)

(13) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu imposti d-dazji proviżorji, li jinkludu il-kundizzjoni li jistgħu jiġu imposti mhux iktar kmieni

minn 60 ġurnata mill-bidu u mhux iktar tard minn disa' xhur minn hemm 'il quddiem. Għal raġunijiet amministrattivi, huwa wkoll meħtieġ li jiġi previst li dazji bħal dawn ikunu jistgħu fil-każijiet kollha jiġu imposti mill-Kummissjoni, jew direttament għal perjodu ta' disa' xhur, jew f'żewġ fażijiet ta' sitt xhur u ta' tlett xhur.

↓ 1225/2009 premessa 14
(adattat)

(14) Huwa meħtieġ li jiġu ⌦ stabbiliti ⌫ proċeduri għall-aċċettazzjoni ta' impenji li jeliminaw dumping u l-ħsara minflok li jimponu dazji definittivi jew proviżorji. Huwa wkoll xieraq li jiġu ⌦ speċifikati ⌫ l-konsegwenzi ta' ksur jew irtirar ta' impenji u li jistgħu jiġu imposti dazji proviżorji f'każijiet ta' ksur sospett jew fejn ikun hemm bżonn ta' aktar investigazzjoni biex tissupplimenta dak li nstab. Meta jintlaqgħu l-impenji, għandha tingħata attenzjoni sabiex l-impenji proposti, u l-infurzar tagħhom, ma jwasslux għal atteġġament kontra l-kompetizzjoni.

↓ 1225/2009 premessa 15
(adattat)

(15) Huwa meħtieġ li jiġi previst li t-tmiem tal-każijiet għandu, irrispettivament minn jekk il-miżuri definittivi jiġux addottati jew le, normalment iseħħ fi żmien 12-il xahar, u f'ebda każ iktar tard minn 15-il xahar, mill-bidu ta' l-investigazzjoni.

(16) Investigazzjonijiet jew proċeduri għandhom jiġu mitmuma fejn dumping ikun de minimis jew il-ħsara tkun negliġibbli, u huwa xieraq li dawk it-termini jiġu ddefiniti. Fejn il-miżuri għandhom jiġu imposti, huwa meħtieġ li jiġi previst it-tmiem ta' l-investigazzjonijiet u li jiġi stabbilit li l-miżuri għandhom ikunu inqas mill-marġini ta' dumping jekk ammont inqas bħal dan ineħħi l-ħsara, kif ukoll biex jiġi speċifikat il-metodu ta' kalkolazzjoni tal-livelli tal-miżuri fil-każ ta' teħid ta' kampjuni.

↓ 1225/2009 premessa 16

(17) Huwa meħtieġ li jiġi previst għall-ġbir retroattiv tad-dazji proviżorji jekk dan ikun meqjus xieraq u li jiġu definiti ċ-ċirkustanzi li jistgħu idaħħlu fis-seħħ l-applikazzjoni retroattiva tad-dazju biex jiġi evitat is-sabutaġġ tal-miżuri definittivi li għandhom jiġu applikati. Huwa wkoll meħtieġ li jiġi previst li d-dazji jistgħu jiġu applikati b'mod retroattiv fil-każijiet ta' ksur jew irtirar mill-impenji.

↓ 1225/2009 premessa 17
(adattat)

(18) Huwa meħtieġ li jiġi previst li l-miżuri għandhom jiddekadu wara ħames snin sakemm analiżi mill-ġdid ma tindikax li għandhom jiġu miżmuma. Huwa wkoll meħtieġ li tiġi prevista, f'każijiet fejn tkun mogħtija evidenza biżżejjed ta' ċirkustanzi mibdula, analiżi mill-ġdid interim jew investigazzjonijiet biex jiġi stabbilit jekk rifużjonijiet ta' dazji kontra d-dumping humiex awtorizzati. Huwa wkoll xieraq li jiġi stabbilit li fi kwalunkwe kalkolu mill-ġdid ta' dumping li jeħtieġ kostruzzjoni mill-ġdid ta' prezzijiet ta' l-esportazzjoni, id-dazji ma għandhomx jiġu meqjusa bħala spiża minfuqa bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, fejn id-dazju rilevanti ikun rifless fil-prezzijiet tal-prodotti soġġetti għall-miżuri fil- ⌦ Unjoni ⌫.

↓ 1225/2009 premessa 18
(adattat)

(19) Huwa meħtieġ li tiġi prevista speċifikament l-istima mill-ġdid tal-prezzijiet ta' esportazzjoni u l-marġini ta' dumping fejn id-dazju jkun assorbit mill-esportatur permezz ta' forma ta' arranġament ta' kumpens u l-miżuri ma jkunux qegħdin jiġu riflessi fil-prezzijiet tal-prodotti soġġetti għall-miżuri fil- ⌦ Unjoni ⌫.

↓ 1225/2009 premessa 19
(adattat)
→1 Rettifika, ĠU L 7, 12.1.2010, p. 22

(20) Il- Ftehim kontra d-dumping ta' l-1994 ma fihx disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-evitar ta' miżuri kontra d-dumping, għalkemm Deċiżjoni Ministerjali separata tal-GATT tagħraf l-evitar bħala problema u rriferietha lill-Kumitat kontra d-dumping tal-GATT għal riżoluzzjoni. Minħabba l-falliment, sa issa, tan-negozjati multilaterali u u waqt li għadu pendenti r-riżultat →1 referenza lill-Kumitat Kontra Dumping tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), ← huwa meħtieġ li jiġu introdotti disposizzjonijiet ġodda fil-leġislazzjoni tal- ⌦ Unjoni ⌫ li jkollhom x'jaqsmu mad-drawwiet, li jinkludu s-sempliċi assemblaġġ tal-merkanzija fil- ⌦ Unjoni ⌫ jew f'pajjiż terz, li jkollhom bħala l-iskop ewlieni tagħhom, l-evitar tal-miżuri kontra d-dumping.

↓ 1225/2009 premessa 20
(adattat)
→1 Rettifika, ĠU L 7, 12.1.2010, p. 22

(21) Huwa desiderabbli wkoll li jiġi ċċarat liema huma l-prattiċi li jikkostitwixxu evitar tar-restrizzjonijiet tal-miżuri fis-seħħ. Il-prattiċi ta' evitar tar-restrizzjonijiet jistgħu jitwettqu kemm ġewwa kif ukoll barra l- ⌦ Unjoni ⌫. Hu għalhekk neċessarju li jsir provvediment sabiex l-eżenzjonijiet mid-dazji estiżi li →1 jistgħu diġà qed jingħataw lil importaturi taħt dan ir-Regolament jistgħu ukoll jingħataw lil ← esportaturi meta d-dazji jkunu estiżi biex jindirizzaw l-evitar tar-restrizzjonijiet li jitwettaq barra l- ⌦ Unjoni ⌫.

↓ 1225/2009 premessa 21

(22) Jaqbel li tkun permessa sospensjoni tal-miżuri kontra d-dumping fejn ikun hemm tibdil temporanju fil-kondizzjonijiet tas-suq li jagħmlu l-impożizzjoni kontinwa ta' miżuri bħal dawn temporanjament mhux xierqa.

↓ 1225/2009 premessa 21
(adattat)

(23) Huwa meħtieġ li jiġi previst li importazzjonijiet taħt investigazzjoni jistgħu jkunu magħmula soġġetti għar-reġistrazzjoni ma' l-importazzjoni sabiex wara jitħallew jiġu applikati miżuri kontra importazzjonijiet bħal dawn.

↓ 1225/2009 premessa 23

(24) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tal-miżuri, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jissorveljaw, u jirrapurtaw lill-Kummissjoni, il-kummerċ ta' importazzjoni ta' prodotti soġġetti għall-investigazzjoni jew soġġetti għall-miżuri, u wkoll l-ammont ta' dazji miġbura taħt dan ir-Regolament.

↓ 1225/2009 premessa 26

(25) Jaqbel li jkunu previsti żjarat ta' verifika sabiex jikkontrollaw informazzjoni sottomessa dwar dumping u ħsara, żjarat bħal dawn, madanakollu, jkunu fuq il-kondizzjoni li jiġu riċevuti risposti xierqa għall-kwestjonarji.

↓ 1225/2009 premessa 27

(26) Huwa essenzjali li jiġi previst teħid ta' kampjuni f'każijiet fejn in-numru ta' partijiet jew tranżazzjonijiet ikun kbir sabiex ikunu jistgħu jitlestew l-investigazzjonijiet fil-limitu taż- żmien stabbilit.

↓ 1225/2009 premessa 28

(27) Huwa meħtieġ li jiġi previst li fejn partijiet ma jikkoperawx b'mod sodisfaċenti tkun tista' tiġi wżata informazzjoni oħra sabiex jiġu stabbiliti tfittxijiet u li informazzjoni bħal din tkun tista tkun inqas favorevoli għall-partijiet milli kieku kienu kkoperaw.

↓ 1225/2009 premessa 29

(28) Għandha ssir disposizzjoni għat-trattament ta' informazzoni konfidenzjali sabiex sigrieti tan-negozju ma jiġux żvelati.

↓ 1225/2009 premessa 30
(adattat)

(29) Huwa essenzjali li ssir disposizzjoni għall-iżvelar xieraq ta' fatti u konsiderazzjonijiet essenzjali lill-partijiet li jikkwalifikaw għal trattament bħal dan u li żvelar bħal dan isir, bil-qies dovut lejn il-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni fil- ⌦ Unjoni ⌫, f'limitu ta' żmien li jippermetti lill-partijiet jiddefendu l-interessi tagħhom.

↓ 1225/2009 premessa 31
(adattat)

(30) Huwa prudenti li tiġi prevista sistema ta' amministrazzjoni li taħtha jistgħu jiġu ppreżentati argumenti dwar jekk miżuri fil- ⌦ Unjoni ⌫ ikunux fl-interess tal- ⌦ Unjoni ⌫, inkluż l-interess tal-konsumaturi, u biex jiġu stabbiliti l-limiti ta' żmien li fihom infomazzjoni bħal din għandha tiġi ppreżentata kif ukoll id-drittijiet tal-kxif tal-partijiet konċernati.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22 (adattat)

(31) L-implimentazzjoni ⊠ ta' dan ir-Regolament ⊠ tirrikjedi kondizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni tad-dazji provviżorji u definittivi, u għat-tmiem ta' investigazzjoni mingħajr miżuri. Dawk il-miżuri għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8].

(32) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji minħabba l-effetti ta' tali miżuri u l- loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri definittivi. Għandu jintuża wkoll meta jiġu aċċettati impenji, meta jinbdew jew ma jinbdewx l-analiżijiet tal-iskadenzi, meta jiġu sospiżi miżuri, meta ssir estensjoni tas- sospensjoni ta' miżuri u meta jiddaħlu mill-ġdid miżuri minħabba l-effett ta' tali miżuri meta mqabbla ma' miżuri definittivi. Fejn dewmien fl-impożizzjoni tal-miżuri jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni titħalla tadotta miżuri provviżorji applikabbli immedjatament,

↓ 1225/2009 (adattat)
➔$_1$ Rettifika, ĠU L 7, 12.1.2010, p. 22
➔$_2$ 1168/2012 Art. 1.1(a)
➔$_3$ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(1)

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Prinċipji

1. Dazju kontra dumping jista' jiġi applikat għal kwalunkwe prodott oġġett ta' dumping li l-liberazzjoni tiegħu għal ċirkulazzjoni ħielsa fil- ⊠ Unjoni ⊠ tikkawża ħsara.

2. Prodott għandu jiġi kkunsidrat bħala oġġett ta' dumping jekk il-prezz ta' l-esportazzjoni tiegħu għall- ⊠ Unjoni ⊠ ikun inqas minn prezz paragonabbli għal prodott simili, fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ, kif stabbilit għall-pajjiż esportatur.

3. Il-pajjiż esportatur għandu normalment ikun il-pajjiż ta' oriġini. Madanakollu, jista' jkun pajjiż intermedjarju, ħlief fejn, per eżempju, il-prodotti jkunu sempliċiment trasbordati minn dak il-pajjiż, jew il-prodotti konċernati ma jkunux ġew magħmula f'dak il-pajjiż, jew ma jkunx hemm prezz paragunabbli għalihom f'dak il-pajjiż.

4. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "prodott simili" għandu jiġi interpretat biex ifisser prodott li jkun identiku, jiġifieri, l-istess f'kull lat, bħall-prodott taħt kunsiderazzjoni, jew fin-nuqqas ta' prodott bħal dan, prodott ieħor li għalkemm ma jkunx l-istess f'kull lat, ikollu karatteristiċi li jixbħu mill-qrib dawk tal-prodott ikkunsidrat.

[8] Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Artikolu 2

Tistabbilixxi dumping

A. IL-VALUR NORMALI

1. Il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti mill-pajjiż esportatur.

Madanakollu, fejn l-esportatur fil-pajjiż esportatur ma jipproduċix jew ma jbigħx il-prodott simili, il-valur normali jista' jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' prezzijiet ta' bejjiegħa jew produtturi oħra.

Prezzijiet bejn partijiet li jidhru li jkunu assoċjati jew li jidhru li jkollhom arranġament ta' kumpens ma' xulxin ma jistgħux jitqiesu li jkunu fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ u ma jistgħux jintużaw biex jistabbilixxu valur normali sakemm ma jkunx stabbilit li huma ma humiex milquta mir-relazzjoni.

Biex jiġi stabbilit jekk żewġ partijiet humiex assoċjati, tista' titqies it-tifsira ta' partijiet relatati li tinsab fl-Artikolu 143 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93[9].

2. Il-bejgħ tal-prodott simili maħsub għall-konsum domestiku għandu normalment jiġi wżat biex jiġi stabbilit valur normali jekk volum ta' bejgħ bħal dan jikkonstitwixxi 5 % jew aktar mill-volum tal-bejgħ tal-prodott taħt konsiderazzjoni lill- ⌦ Unjoni ⌫. Madanakollu, jista' jiġi wżat volum inqas ta' bejgħ meta, per eżempju, il-prezzijiet mitluba jkunu kkunsidrati rappreżentattivi għas-suq konċernat.

3. Meta ma jkun hemm l-ebda bejgħ jew meta ma jkunx hemm biżżejjed bejgħ tal-prodott simili fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ, jew fejn, minħabba s-sitwazzjoni partikolari tas-suq bejgħ bħal dan ma jippermettix paragun xieraq, il-valur normali ta' prodott simili għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' l-ispiża tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini flimkien ma' ammont raġonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi u għal profitti, jew fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni, fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ, lill-pajjiż terz xieraq, sakemm dawk il-prezzijiet ikunu rappreżentattivi.

Jitqies li jkun hemm sitwazzjoni partikolari tas-suq għall-prodott ikkonċernat fit-tifsira tal-ewwel subparagrafu meta, *inter alia*, il-prezzijiet ikunu baxxi artifiċjalment, meta jkun hemm kummerċ ta' skambju sinjifikattiv jew fejn ma jkunx hemm arranġamenti ta' proċessar mhux kummerċjali.

4. Bejgħ tal-prodott simili fis-suq domestiku tal-pajjiż esportatur, jew bejgħ ta' esportazzjoni lil pajjiż terz, bi prezzijiet inqas miċ-ċifra ta' l-ispejjez tal-produzzjoni (fissi u varjabbli) flimkien ma' l-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi jistgħu jiġu trattati bħala li ma jkunux fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ minħabba l-prezz, u jistgħu ma jitqisux fid-determinazzjoni tal-valur normali, sakemm ikun stabbilit li bejgħ bħal dan isir f'perjodu estiż fi kwanitajiet sostanzjali, u jkun bi prezzijiet li ma jagħmlux tajjeb għall-irkupru ta' l-ispejjeż kollha f perjodu raġjonevoli.

Jekk il-prezzijiet li jkunu inqas mill-ispejjeż fil-ħin tal-bejgħ ikunu aktar mill-ispejjeż medji kkalkolati għall-perjodu ta' investigazzjoni, prezzjiet bħal dawn għandhom jiġu kkunsidrati li jagħmlu tajjeb għall-irkupru ta' l-ispejjeż f' perjodu ta' żmien raġjonevoli.

[9] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

Il-perjodu ta' żmien estiż għandu normalment ikun ta' sena iżda f'ebda każ ma għandu jkun inqas minn sitt xhur, u l-bejgħ taħt l-ispiża għal kull unità għandu jiġi kkunsidrat li jkun magħmul fi kwantitajiet sostanzjali f' perjodu ta' żmien bħal dan meta jiġi stabbilit li l-prezz tal-bejgħ medju peżat ikun inqas mill-ispiża għal kull unità medja kkalkulata, jew li l-volum ta' bejgħ taħt il-ispiża għal kull unità ma jkunx inqas minn 20 % tal-bejgħ li jkun qiegħed jiġi wżat sabiex jiġi stabbilit il-valur normali.

5. L-ispejjeż għandhom normalment jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' records miżmuma mill-parti taħt investigazzjoni, sakemm records bħal dawn ikunu bi qbil mal-prinċipji tal-kontijiet ġeneralment aċċettati tal-pajjiż konċernat u sakemm ikun muri li r-records jirriflettu b'mod raġjonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott taħt konsiderazzjoni.

Jekk l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott taħt investigazzjoni ma humiex riflessi b'mod raġonevoli fir-reġistrazzjonijiet tal-parti interessata, dawn għandhom jiġu aġġustati jew stabbiliti fuq il-bażi ta' l-ispejjeż ta' produtturi jew esportaturi oħra fl-istess pajjiż jew, fejn din l-informazzjoni mhix disponibbli jew ma tistax tintuża, fuq kull bażi oħra raġonevoli, inkluża informazzjoni minn swieq oħra rappreżentattivi.

Għandha tingħata konsiderazzjoni lill-evidenza sottomessa dwar l-allokazzjoni xierqa ta' l-ispejjeż, sakemm ikun muri li allokazzjonijiet bħal dawn kienu ġew utilizzati storikament. Fin-nuqqas ta' metodu aktar xieraq, għandha tingħata preferenza għall-allokazzjoni ta' l-ispejjeż fuq il-bażi tal-fatturat. Sakemm mhux diġà riflessi fl-allokazzjonijiet ta' l-ispejjeż taħt dan is-subparagrafu, l-ispejjeż għandhom jiġu aġġustati kif xieraq għal dawk l-oġġetti ta' spejjeż mhux rikurrenti li jagħmlu tajjeb għall-produzzjoni fil-ġejjieni u/jew kurrenti.

Fejn l-ispejjeż għal parti mill-perjodu għall-irkupru ta' l-ispejjeż jiġu affettwati mill-użu ta' faċilitajiet ġodda ta' produzzjoni li jeħtieġu investiment addizzjonali sostanzjali u permezz ta' rati ta' utilizzazzjoni ta' volum baxx, li huma r-riżultat ta' operazzjonijiet tal-bidu li jseħħu fi ħdan jew matul parti minn perjodu ta' investigazzjoni, l-ispejjeż medji għall-fażi tal-bidu għandhom ikunu dawk applikabbli, taħt ir-regoli ta' l-allokazzjoni msemmija hawn fuq, fit-tmiem ta' fażi bħal din, u għandhom jiġu inklużi f'dak il-livell, għall-perjodu konċernat, fl-ispejjeż medji kkalkulati msemmija fit-tieni sub-paragrafu tal-paragrafu 4. It-tul ta' fażi tal-bidu għandu jiġi determinat skond iċ-ċirkustanzi tal-produttur u l-esportatur konċernat, imma m'għandux jaqbeż proporzjon inizjali xieraq tal-perjodu għall-irkupru ta' l-ispejjeż. Għal dan l-aġġustament għall-ispejjeż matul il-perjodu ta' investgazzjoni, informazzjoni li għandha x'taqsam ma' fażi tal-bidu li testendi l bogħod minn dak il-perjodu għandu jittieħed kont tagħha fejn hi sottomessa qabel żjajjar ta' verifika u fi żmien tlett xhur mill-bidu ta' l-investigazzjoni.

6. L-ammonti għall-bejgħ, għal spejjeż ġenerali u amministrattivi u għal profitti għandhom jiġu bbażati fuq *data* attwali li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni u l-bejgħ, fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ, tal-prodott simili mill-esportatur jew il-produttur taħt investigazzjoni. Meta ammonti bħal dawn ma jistgħux jiġu stabbiliti fuq din il-bażi, l-ammonti jistgħu jiġu stabbiliti fuq il-bażi ta':

a) l-medja peżata ta' l-ammonti attwali stabbilita għal esportaturi jew produtturi oħra soġġetti għal investigazzjoni fejn għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodott ta' l-istess tip fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' oriġini;

b) l-ammonti attwali applikabbli għall-produzzjoni u l-bejgħ, fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ ta' l-istess kategorija ġenerali ta' prodotti għall-esportatur jew il-produttur in kwistjoni fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' orġini;

ċ) kwalunkwe metodu raġjonevoli ieħor, sakemm l-ammont għal profitt b'hekk stabbilit ma jaqbiżx il-profitt normalment magħmul minn esportaturi jew produtturi oħra fuq bejgħ ta' prodotti ta' l-istess kategorija ġenerali fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' oriġini.

7. a) Fil-każ ta' l-importazzjonijiet minn pajjiżi li ma għandhomx l-ekonomija tas-suq[10], il-valur normali għandu jiġi stabilit fuq il-bażi tal-prezz jew tal-valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq, jew il-prezz minn dan il-pajjiż terz għall-pajjiżi l-oħra, inkluża l- ⌦ Unjoni ⌫, jew fejn dawn ma jkunux possibbli, fuq kull bażi oħra raġjonevoli, inkluż il-prezz attwalment imħallas jew li jrid jitħallas fil- ⌦ Unjoni ⌫ għal prodott simili, aġġustat kif xieraq jekk meħtieġ għalbiex jinkludi marġni ta' profitt raġjonevoli.

Għandu jiġi magħżul pajjiż terz xieraq b'ekonomija tas-suq b'manjiera li ma tkunx irraġjonevoli, filwaqt jitqies kull tagħrif ta' min joqgħod fuqu li jkun disponibbli fiż-żmien tal-għażla. Għandhom jitqiesu wkoll il-limiti taż-żmien; fejn xieraq, għandu jiġi wżat pajjiż terz b'ekonomija tas-suq li huwa bla ħsara għall-istess investigazzjoni.

Il-partijiet fl-investigazzjoni għandhom jiġu mgħarrfa ftit wara l-bidu tagħha (l-investigazzjoni) bil-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq previst u għandhom jingħataw għaxart ijiem żmien sabiex jikkommentaw.

b) Fl-investigazzjonijiet ta' kontra d-dumping dwar ➔1 importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Vjetnam u l-Każakistan u kull pajjiż li ma jħaddanx l-ekonomija tas-suq ← li hu membru tal-WTO fid-data tal-bidu tal-investigazzjoni, il-valur normali jkun stabbilit skond kif hemm fil-paragrafi 1 sa 6, jekk ikun jidher, fuq il-bażi ta' talbiet li jkunu sostanzjati b'mod xieraq minn wieħed jew aktar produtturi li jkunu qed jiġu investigati u skond il-kriterji u proċeduri stabbiliti fis-sotto-paragrafu (ċ), li l-kondizzjonijiet ta' l-ekonomija tas-suq jipprevalu għal dan il-produttur jew produtturi għar-rigward tal-manifattura u l-bejgħ tal-prodott simili konċernat. Meta dan ma jkunx il-każ, ir-regoli li jinsabu fis-sotto-paragrafu (a) għandhom japplikaw.

ċ) Pretensjoni skond is-subparagrafu (b) trid issir bil-kitba u jkun fiha biżżejjed evidenza illi l-produttur jopera skond il-kondizzjonijiet ta' l-ekonomija tas-suq, jiġifieri jekk:

– id-deċiżjonijiet tad-ditti rigward il-prezzijiet, l-infiq u inputs oħra, li jinkludu per eżempju l-materja prima, l-ispejjeż fuq it-teknoloġija u tax-xogħol, il-produzzjoni, il-bejgħ u l-investimenti, isiru bi tweġiba għas-sinjali tas-suq filwaqt li jirriflettu l-provvista u d-domanda, u mingħajr interferenza sinifikanti mill-Istat f'dan ir-rigward, u n-nefqiet fuq inputs maġġuri jirriflettu sostanzjalment il-valuri tas-suq,

– id-ditti jkollhom sett ċar ta' reġistrazzjonijiet bażiċi tal-kontabilità li jiġu verifikati indipendentement skond l-istandards internazzjonali tal-kontabilità u jiġu applikati għall-għanijiet kollha,

– l-ispejjeż tal-produzzjoni u s-sitwazzjoni finanzjarja tad-ditti mhumiex soġġetti għal distorsjoni sinjifikanti miġrur mis-sistema ekonomika ta' qabel li ma kienitx tas-suq, b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu l-iżvalutar tal-beni,

[10] ➔1 Li jinkludu l-Albanija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarus, il-Georġja, il-Kirgistan, il-Korea ta' Fuq, il-Moldova, il-Mongolja, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Użbekistan. ←

qtugħ ieħor mill-kontijiet, in-negozju bl-iskambju ta' l-oġġetti u l-ħlas permezz ta' kumpens għad-djun,

– id-ditti interessati huma bla ħsara għall-falliment u għal-liġijiet tal-proprjetà li jiggarantixxu ċ-ċertezza u l-istabilità legali għall-operazzjoni tad-ditti, u

– il-konversjonijiet tar-rati tal-kambju jitwettqu bir-rata tas-suq.

Għandu jiġi stabbilit jekk il-produttur jilħaqx il-kriterja msemmija hawn fuq ➔2 normalment fi żmien seba' xhur, iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tmien xhur, mill-bidu tal-investigazzjoni, ← wara ➔3 li l-industrija tal-Unjoni tkun ingħatat l-opportunità li tikkommenta. Din id-deċiżjoni għandha tibqa' fis-seħħ matul l-investigazzjoni kollha. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-informazzjoni lill-Istati Membri li tikkonċerna l-analiżi tat-talbiet li saru skont is-subparagrafu (b) normalment fi żmien 28 ġimgħa mill-bidu tal-investigazzjoni. ←

↓ 1168/2012 Art. 1.1(b) (adattat)

d) Meta l-Kummissjoni tkun illimitat l-⌦ investigazzjoni ⌫ tagħha skont l-Artikolu 17, id-determinazzjoni skont is-subparagrafi (b) u (c) ta' dan il-paragrafu għandha tkun limitata għall-Partijiet inklużi fl-⌦ investigazzjoni ⌫ u għal kull produttur li jirċievi trattament individwali skont l-Artikolu 17(3).

↓ 1225/2009 (adattat)

B. IL-PREZZ TA' L-ESPORTAZZJONI

8. Il-prezz ta' l-esportazzjoni għandu jkun il-prezz attwalment imħallas jew li għandu jitħallas għall-prodott meta mibjugħ għall-esportazzjoni mill-pajjiż ta' l-esportazzjoni lill-⌦ Unjoni ⌫.

9. F'każijiet fejn ma hemm ebda prezz ta' l-esportazzjoni jew fejn jidher li l-prezz ta' l-esportazzjoni mhux ta' min joqgħod fuqu minħabba assoċjazzjoni jew arranġament ta' kumpens bejn l-esportatur u l-importatur jew parti terza, il-prezz ta' l-esportazzjoni jista jiġi kostrutt fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodotti impurtati huma l-ewwel mibjugħa mill-ġdid lil xerrej indipendenti, jew, jekk il-prodotti mhumiex mibjugħa mill-ġdid lil xerrej indipendenti, jew mhumiex mibjugħin mill-ġdid fil-kundizzjoni li fiha ġew impurtati, fuq kwalunkwe bażi raġjonevoli.

F'⌦ dawk ⌫ il-każijiet, l-aġġustament għall-ispejjeż kollha, inklużi d-dazji u t-taxxi, sofferti bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, u għall-profitti li jseħħu, għandhom isiru sabiex jiġi stabbilit prezz ta' l-esportazzjoni ta' min joqgħod fuqu, fil-livell tal-fruntiera tal-⌦ Unjoni ⌫.

L-oġġetti li għalihom għandu jsir aġġustament għandhom jinkludu dawk normalment merfugħa minn importatur imma mħallsa minn kwalunkwe parti, jew ġewwa jew barra l-⌦ Unjoni ⌫, li tidher li tkun assoċjata jew li għandha arranġament ta' kumpens ma' l-importatur jew ma l-esportatur, inkluż it-trasport tas-soltu, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari, id-dazji tad-dwana, kwalunkwe dazji kontra dumping, u taxxi oħra li għandhom jitħallsu fil-pajjiż ta' l-importazzjoni minħabba l-importazzjoni jew il-bejgħ tal-merkanzija, u l-marġini raġjonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali jew amministrattvi u l-profitt.

C. PARAGUN

10. Għandu jsir paragun xieraq bejn il-prezz ta' l-esportazzjoni u l-valur normali. Dan il-paragun għandu jsir fl-istess livell tal-kummerċ u fejn għandhom x'jaqsmu l-bejgħ magħmula, kemm jista' jkun kważi fl-istess ħin, u b'kont dovut meħud ta' differenzi oħra li jaffettwaw il-paragun tal-prezz. Fejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni kif stabbiliti mhumiex fuq bażi daqshekk komparabbli għandu jkun hemm disposizzjoni, f'forma ta' aġġustamenti, f'kull każ, fuq il-merti tiegħu, għal differenzi fil-fatturi li huma pretiżi, u murija, li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragun tal-prezzijiet. Kwalunkwe duplikazzjoni meta jsiru l-aġġustamenti għandha tiġi evitata, b'mod partikolari fejn jidħlu tnaqqis, ribassi, kwantitajiet u l-livell tal-kummerċ. Fejn il-kundizzjonijiet speċifikati huma milħuqa, il-fatturi li għalihom jista jsir aġġustament huma mniżżla kif ġej:

a) *Karatteristiċi fiżiċi*

Għandu jsir aġġustament għal differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi tal-prodott konċernat. L-ammont ta' l-aġġustament għandu jikkorrispondi ma' stima raġjonevoli tal-valur tas-suq tad-differenza.

b) *Ħlas fuq l-importazzjoni u taxxi indiretti*

Għandu jsir aġġustament għall-valur normali għal ammont li jikkorrispondi ma' kwalunkwe ħlas fuq l-importazzjoni jew taxxi indiretti li jiġu mħallsa fuq il-prodott simili u minn materjali fiżikament inkorporati hemmhekk, meta maħsuba għal konsum fil-pajjiż ta' esportazzjoni u mhux miġbura jew mogħtija lura fejn għandu x'jaqsam il-prodott esportat lill- ⌦ Unjoni ⌫.

ċ) *Roħs, ribassi u kwantitajiet*

Għandu jsir aġġustament għal differenzi fir-roħs u r-ribassi, inklużi dawk mogħtija għal differenzi fil-kwantitajiet, jekk dawn huma kwantifikati kif suppost u huma direttament marbuta mal-bejgħ taħt kunsiderazzjoni. Għandu jsir aġġustament ukoll għal roħs u ribassi differiti jekk it-talba hija bbażata fuq drawwa konsistenti f'perjodi qabel, inkluża l-konformità mal-kondizzjonijiet meħtieġa biex jikkwalifikaw għar-roħs jew ir-ribassi.

d) *Il-livell tal-kummerċ*

i) Aġġustament fid-differenzi tal-livelli kummerċjali, inklużi xi differenzi li jistgħu jinħolqu fil-bejgħ tal-FOT (Fabbrikant Oriġinali tat-Tagħmir), għandu jsir fejn, fir-rigward tas-sensiela tad-distribuzzjoni fiż-żewġt iswieq, ikun jidher li l-prezz ta' l-esportazzjoni, inkluż il-prezz kostrutt ta' l-esportazzjoni, ikun qiegħed fuq livell kummerċjali differenti mill-valur normali u d-differenza tkun effetwat il-komparabilità tal-prezzijiet li tkun ħarġet ċara minn differenzi konsistenti u distinti fil-funzjonijiet u l-prezzijiet tal-bejjiegħ għad-diversi livelli tal-kummerċ fis-suq domestiku tal-pajjiż li jesporta. L-ammont ta' l-aġġustament għandu jkun ibbażat fuq il-valur kummerċjali tad-differenza.

ii) Madankollu, f'ċirkostanzi mhux ikkontemplati taħt il-punt (i), meta d-differenza eżistenti fil-livell kummerċjali ma tkunx tista' tiġi kkwantifikata minħabba n-nuqqas tal-livelli relevanti fis-suq domestiku tal-pajjiżi li jesportaw, jew fejn ċerti funzjonijiet ikun jidher ċar li jkunu relatati mal-livelli kummerċjali għajr dak li jkun jintuża fit-tqabbil, jista' jkun permess aġġustament speċjali.

e) *It-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari*

Għandu jsir aġġustament għad-differenzi fl-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu b'mod dirett ma' l-ispejjeż li jinqalgħu minħabba l-wasla tal-prodott konċernat mill-kwartieri ta' l-esportatur għal xerrej indipendenti, fejn spejjeż bħal dawn huma inklużi fil-prezzijiet mitluba. Dawk l-ispejjeż għandhom jinkludu t-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġjar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari.

f) *L-ippakkjar*

Għandu jsir aġġustament għal differenzi fl-ispejjeż ta' l-ippakkjar tal-prodott konċernat li għandhom x'jaqsmu b'mod dirett.

g) *Il-kreditu*

Għandu jsir aġġustament għad-differenzi fl-ispiża ta' kwalunkwe kreditu mogħti għal bejgħ taħt kunsiderazzjoni, sakemm ikun fattur li jingħata każ tiegħu fl-istabbiliment tal-prezzijiet mitluba.

h) *Spejjeż ta' wara l-bejgħ*

Għandu jsir aġġustament għad-differenzi fl-ispejjeż diretti ta' l-għotjien ta' pleġġijiet, garanziji, assistenza teknika u servizji, kif jagħmlu tajjeb għalihom il-liġi u/jew il-kuntratt tal-bejgħ.

i) *Il-kummissjonijiet*

Għandu jsir aġġustament għad-differenzi fil-kummissjonijiet imħallsa fejn jidħol il-bejgħ taħt kunsiderazzjoni.

Il-kelma "kummissjonijiet" għandha tinftiehem li tinkludi ż-żieda fuq il-prezz li jirċievi negozjant tal-prodott jew prodott simili jekk il-funzjonijiet ta' dak in-negozjant huma simili għal dawk ta' aġent li jaġixxi fuq il-bażi ta' kummissjoni.

j) *Kambju tal-munita*

Meta l-paragun tal-prezz jeħtieġ kambju tal-munita, kambju bħal dan għandu jsir bl-użu tar-rata tal-kambju fid-data tal-bejgħ, għajr meta bejgħ ta' munita barranija fuq is-swieq bil-quddiem ikun marbut b'mod dirett ma' l-esportazzjoni tal-bejgħ involut, f'liema każ ir-rata tal-kambju fil-bejgħ bil-quddiem għandha tiġi wżata. Normalment, id-data tal-bejgħ għandha tkun id-data tal-fattura imma d-data tal-kuntratt, l-ordni tax-xiri jew il-konferma ta' l-ordni jistgħu jiġu wżati jekk dawn jistabilixxu b'mod iktar xieraq it-termini materjali tal-bejgħ. Varjazzjonijiet fir-rati tal-kambju għandhom jiġu injorati u esportaturi għandhom jiġu mogħtija 60 ġurnata biex jirriflettu moviment sostenut fir-rati tal-kambju matul perjodu t'investigazzjoni.

k) *Fatturi oħra*

Aġġustament jista' jsir ukoll għal differenzi f'fatturi oħra li ma jkunux previsti taħt is-subparagrafi minn (a) sa (j) jekk jiġi ippruvat li dawn jeffettwaw il-komparabilità fil-prezzijiet kif meħtieġ skond dan il-paragrafu, b'mod partikolari li x-xerrejja jħallsu regolarment prezzijiet differenti fis-suq domestiku minħabba d-differenza f'fatturi ta' din ix-xorta.

D. IL-MARĠINI TA' DUMPING

11. Soġġetti għad-disposizzjonijiet rilevanti li jirregolaw paragun xieraq, l-eżistenza ta' marġini ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni għandha normalment tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' paragun ta' valur normali medju peżat ma' medja peżata tal-prezzijiet tat-

transizzjonijiet kollha ta' l-esportazzjoni lill- ⌦ Unjoni ⌫, jew b'paragun tal-valuri normali individwali u l-prezzijiet individwali ta' l-esportazzjoni lill- ⌦ Unjoni ⌫ fuq bażi ta' transizzjoni ma transizzjoni. Madanakollu, valur normali stabbilit fuq bażi ta' medja pożata jista' jiġi mqabbel ma prezzijiet tat-transizzjonijiet individwali kollha ta' l-esportazzjoni lill- ⌦ Unjoni ⌫, jekk hemm mudell ta' prezzijiet ta' l-esportazzjoni li ma jaqbilx b'mod sinifikanti fost xerrejja differenti, reġjuni jew perjodi ta' żmien differenti, u jekk il-metodi speċifikati fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu ma kienux jirriflettu il-grad sħiħ ta' dumping ipprattikat. Dan il-paragrafu ma għandux iħalli barra l-użu ta' teħid ta' kampjuni skond l-Artikolu 17.

12. Il-marġini ta' dumping għandu jkun l-ammont li permezz tiegħu il-valur normali jaqbeż il-prezz ta' l-esportazzjoni. Fejn il-marġini ta' dumping ivarjaw, jista' jiġi stabbilit marġini medju pożat ta' dumping.

Artikolu 3

Tistabbilixxi l-ħsara

1. Skond dan ir-Regolament, it-terminu "ħsara" għandu, sakemm mhux speċifikat b'mod ieħor, jittieħed li jfisser ħsara materjali lill-industrija tal- ⌦ Unjoni ⌫, theddida ta' ħsara materjali lill-industrija tal- ⌦ Unjoni ⌫ jew dewmien materjali ta' l-istabbiliment ta' industrija bħal din u għandu jiġi interpretat skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Il-ħsara trid tkun stabbilita billi tkun ibbażata fuq evidenza pożittiva u għandha tinvolvi eżaminazzjoni objettiva kemm ta':

a) il-volum ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u l-effett ta' l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping fuq il-prezzijiet fis-suq tal- ⌦ Unjoni ⌫ għall-prodotti simili; u kemm

b) l-impatt konsegwenti ta' dawk l-importazzjonijiet fuq l-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫.

3. Fejn għandu x'jaqsam il-volum ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, għandu jingħata kas ta' jekk kienx hemm żjieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, jew f'termini assoluti jew imqabbla mal-produzzjoni u l-konsum fil- ⌦ Unjoni ⌫. Fejn għandu x'jaqsam l-effett ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq prezzijiet, għandu jingħata kas ta' jekk kienx hemm waqgħat sinifikanti fil-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping meta mqabbla mal-prezz ta' prodott simili ta' l-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫, jew jekk l-effett ta' importazzjonijiet bħal dawn huwiex mod ieħor biex iwaqqa' l-prezzijiet għal grad sinifikanti jew biex jipprevjeni żjidiet fil-prezz, li setgħu jseħħu, sa grad sinifikanti. L-ebda wieħed jew iktar minn dawn il-fatturi ma jista neċessarjament jagħti gwida deċiżiva.

4. Fejn l-importazzjonijiet ta' prodott minn iktar minn pajjiż wieħed huma fl-istess ħin soġġetti għal investigazzjonijiet kontra dumping, l-effetti ta' importazzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu stmati b'mod kumulattiv biss jekk huwa stabbilit li:

a) il-marġini ta' dumping stabbilit fejn jidħlu l-importazzjonijiet minn kull pajjiż huwa iktar minn *de minimis* kif definit fl-Artikolu 9(3) u li l-volum ta' l-importazzjonijiet minn kull pajjiż mhuwiex negleġibbli; u

b) stima kumulattiva ta' l-effetti ta' l-importazzjonijiet hija xierqa fid-dawl tal-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn prodotti impurtati u l-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti impurtati u l-prodott ⌦ tal-Unjoni ⌫ simili.

5. L-eżaminazzjoni ta' l-impatt tal-prodotti li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-⌦ Unjoni ⌫ konċernata għandha tinkludi evalwazzjoni tal-fatturi ekonomiċi rilevanti u l-indiċi kollha li għandhom effett fuq l-istat ta' l-industrija, inkluż il-fatt li l-industrija għadha fi proċess ta' rkuprar mill-effetti ta' dumping jew sussidju fil-passat, il-kobor tal-marġini attwali tax-dumping, it-tnaqqis attwali u potenzjali fil-bejgħ, il-profitti, il-produzzjoni, is-sehem fis-suq, il-produttività, ir-redditu fuq l-investimenti, l-utilizzazzjoni tal-volum; fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet ⌦ tal-Unjoni ⌫; effetti negattivi attwali u potenzjali fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-flus, l-inventarji, il-pagi, it-tkabbir, l-abilità li l-kapital jew investimenti jiġu mgħollija. Il-lista ma ttemx kollox, u lanqas ma jistgħu, wieħed jew iktar minn dawn il-fatturi, neċessarjament jagħtu gwida deċiżiva.

6. Għandu jiġi muri, mill-evidenza rilevanti kollha ppreżentata fejn jidħol il-paragrafu 2, li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping qegħdin jikkawżaw ħsara skond it-tifsira ta' dan ir-Regolament. B'mod speċifiku, dan għandu jinvolvi dimostrazzjoni li l-volum u/jew il-livelli tal-prezzijiet identifikati skond il-paragradfu 3 huma responsabbli għal impatt fuq l-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫ kif stabbilita fil-paragrafu 5, u li dan l-impatt jeżisti sa grad li jagħmlu possibbli li jiġi kklasifikat bħala materjali.

7. Fatturi magħrufa għajr importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping li fl-istess ħin qegħdin jagħmlu ħsara lill-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫ għandhom ukoll jiġu eżaminati sabiex jiżguraw li l-ħsara kkawżata minn dawn il-fatturi l-oħra mhix attribwita għall-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping taħt il-paragrafu 6. Fatturi li jistgħu jiġu kkunsidrati f'dan ir-rigward jinkludu l-volum u l-prezzijiet ta' importazzjonijiet mhux mibjugħin bi prezzijiet taħt il-prezz tagħhom, tnaqqis fid-domanda jew tibdiliet fil-mudelli tal-konsum, prattiċi restritti tal-kummerċ, u kompetizzjoni bejn, produtturi ⌦ tal-Unjoni ⌫ u ta' pajjiżi terzi, żviluppi fit-teknoloġija u l-atteġġament ta' l-esportazzjoni u l-produttività ta' l-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫.

8. L-effett ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping għandu jiġi stmat fejn tidħol il-produzzjoni ta' l-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫ ta' prodott simili meta dejta disponibbli jippermettu l-identifikazzjoni separata ta' dik il-produzzjoni fuq il-bażi ta' kriterji bħall-proċess tal-produzzjoni, il-bejgħ tal-produtturi u l-profitti. Jekk identifikazzjoni separata bħal din ta' dik il-produzzjoni ma tkunx possibbli, l-effetti ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping għandhom jiġu stmati b'eżaminazzjoni tal-produzzjoni ta' l-idjaq grupp jew firxa ta' prodotti, li jinkludu l-prodott simili, li għalih l-informazzjoni neċessarja tista tiġi pprovduta.

9. Theddida ta' ħsara materjali għandha tkun tkun stabbilita billi tkun ibbażata fuq fatti u mhux biss fuq allegazjoni, tbassir jew possibilità remota. Il-bidla fiċ-ċirkustanzi li kieku toħloq sitwazzjoni fejn il-bejgħ taħt il-prezz kien jikkawża ħsara għandha tkun imbassra b'mod ċar u imminenti.

Meta qed ikun stabbilit teżistix theddida ta' ħsara materjali, għandha tingħata attenzjoni għal fatturi bħal:

a) rata sinifikanti ta' żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fis-suq tal-⌦ Unjoni ⌫ li tindika ż-żieda x'aktarx sostanzjali ta' importazzjonijiet;

b) kapaċità libera biżżejjed ta' l-esportatur jew żjieda imminenti u sostanzjali f'kapaċità bħal din li tindika ż-żieda ta' dumping ta' esportazzjonijiet x'aktarx sostanzjali lejn il-⌦ Unjoni ⌫, filwaqt li tiġi kkunsidrata d-disponibbiltà tas-swieq l-oħra għall-esportazzjoni biex jassorbu kwalunkwe esportazzjonijiet addizzjonali;

ċ) jekk l-importazzjonijiet jkunu qegħdin jidħlu bi prezzijiet li kienu, sa grad sinifikati, jnaqqsu l-prezzijiet jew iżommu ż-żiediet fil-prezzijiet li f'każ ieħor xorta kienu jiġru, u kienu probabbilment iżidu d-domanda għal aktar importazzjonijiet;

d) inventarji tal-prodott li jkun qiegħed jiġi investigat.

Ebda wieħed mill-fatturi elenkat hawn fuq waħdu ma jista' neċessarjament jagħti gwida deċiżiva iżda t-totalità tal-fatturi kkunsidrati għandha twassal għall-konklużjoni li aktar esportazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping huma imminenti u li, jekk ma tiġix meħuda azzjoni ta' protezzjoni, sejra tiġri ħsara materjali.

Artikolu 4

Id-definizzjoni ta' industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫" għandu jkun interpetat bħala li jirreferi għall-produtturi Komunitarji kollha tal-prodotti simili jew għal dawk minnhom li l-output kollettiv tal-prodotti jikkostitwixxi proporzjon kbir, kif definit fl-Artikolu 5(4), tal-produzzjoni ⌦ tal-Unjoni ⌫ totali ta' dawk il-prodotti, għajr li:

a) meta l-produtturi jiġu mill-esportaturi jew l-importaturi jew huma huma nfushom importaturi tal-prodott allegament mixtri taħt il-prezz, it-terminu "industrija Komunitarja" jista' jiġi interpretat bħala li jirreferi għall-bqija tal-produtturi;

b) f'każijiet eċċezzjonali it-territorju tal- ⌦ Unjoni ⌫ jista', għall-produzzjoni in kwistjoni, jiġi maqsum fi tnejn jew iktar swieq kompetittivi u l-produtturi fi ħdan kull suq jistgħu jiġu meqjusa bħala industrija separata jekk:

   i) il-produtturi fi ħdan suq bħal dan ibigħu kollox jew kważi kollox mill-produzzjoni tagħhom tal-prodott in kwistjoni f'dak is-suq; u

   ii) id-domanda f'dak is-suq mhix sa grad sostanzjali fornita mill-produtturi tal-prodott in kwistjoni allokata x'imkien ieħor fil- ⌦ Unjoni ⌫.

F'ċirkustanzi bħal dawn, tista tinstab li teżisti ħsara anke fejn porzjon kbir ta' l-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫ totali ma ssiriliex ħsara, sakemm hemm konċentrazzjoni ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping f'suq iżolat bħal dan u wkoll sakemm l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ikunu qegħdin jikkawżaw ħsara lill-produtturi tal-produzzjoni kollha jew kważi kollha fi ħdan suq bħal dan.

2. Għall-iskop tal-paragrafu 1, il-produtturi għandhom jiġu kkunsidrati li jiġu mill-esportaturi jew l-importaturi biss jekk:

a) wieħed minnhom b'mod dirett jew indirett jikkontrolla lill-ieħor; jew

b) it-tnejn li huma huma kkontrollati b'mod dirett jew indirett minn terza persuna; jew

ċ) flimkien jikkontrollaw b'mod dirett jew indirett terza persuna sakemm hemm raġunijiet għat-twemmin jew is-suspett li l-effett tar-relazzjoni hija tali li ġġiegħel il-produttur konċernat jaġixxi b'mod differenti minn produtturi li ma jiġux minn xulxin.

Għall-iskop ta' dan il-paragrafu, wieħed għandu jkun meqjus li jikkontrolla lill-ieħor meta ta' l-ewwel huwa legalment jew operazzjonalment f'pożizzjoni li jeżerċita żamma jew direzzjoni fuq ta' l-aħħar.

3. Fejn l-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫ ġiet interpretata li tirreferi għall-produtturi f'xi reġjun, l-esportaturi għandhom jingħataw opportunità li joffru impenji skond l-Artikolu 8 fejn għandu x'jaqsam ir-reġjun konċernat. F'każijiet bħal dawn, fl-evalwazzjoni ta' l-interess ⌦ tal-Unjoni ⌫ tal-miżuri, għandu jingħata kas speċjali ta' l-interess tar-reġjun. Jekk ma tkunx

offruta impenn xierqa mill-ewwel jew jekk japplikaw is-sitwazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(9) u (10), jista' jiġi impost dazju proviżorji jew definittiv fir-rigward tal- ⌦ Unjoni ⌫ kollha. F'każijiet bħal dawn, id-dazji jistgħu, jekk prattikabbli, jkunu limitati għal produtturi jew esportaturi speċifiċi.

4. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(8) għandhom japplikaw għal dan l-Artikolu.

Artikolu 5

Il-ftuħ tal-proċeduri

1. Ħlief kif previst fil-paragrafu 6, investigazzjoni biex jiġu determinati l-eżistenza, il-grad u l-effett ta' kwalunkwe dumping allegat għandha tinbeda fuq ilment miktub minn kwalunkwe persuna naturali jew legali, jew kwalunkwe assoċjazzjoni li m'għandiex personalità legali, f'azzjoni għan-nom ta' l-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫.

L-ilment jista' jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni, jew lil Stat Membru, li għandu jgħaddih lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopja lill-Istati Membri ta' kwalunkwe ilment li tirċievi. L-ilment għandu jiġi meqjus li kien imressaq fl-ewwel ġurnata tax-xogħol wara l-kunsinna lill-Kummissjoni permezz ta' posta rreġistrata jew il-ħruġ ta' riċevuta ta' rikonoxximent mill-Kummissjoni.

Fejn, fin-nuqqas ta' kwalunkwe ilment, Stat Membru huwa fil-pussess ta' biżżejjed evidenza ta' bejgħ taħt il-prezz u ta' ħsara lill-industrija ⌦ Unjoni ⌫ bħala riżultat, għandu immedjatament jikkomunika evidenza bħal din lill-Kummissjoni.

2. Ilment taħt paragrafu 1 għandu jinkludi evidenza ta' bejgħ taħt il-prezz, ħsara u rabta każwali bejn l-importazzjonijiet allegatament li huma l-oġġett ta' dumping u l-ħsara allegata. L-ilment għandu jkun fih informazzjoni bħal din kif disponibbli b'mod raġjonevoli lil min qiegħed jagħmel l-ilment wara:

a) l-identità ta' min qiegħed jagħmel l-ilment u d-deskrizzjoni tal-volum u l-valur tal-produzzjoni ⌦ tal-Unjoni ⌫ tal-prodott simili minn min qiegħed jagħmel l-ilment. Fejn ilment bil-miktub isir għan-nom ta' l-industrija tal- ⌦ Unjoni ⌫, l-ilment għandu jidentifika l-industrija li f'isimha jkun qiegħed isir l-ilment permezz ta' lista ta' produtturi ⌦ tal-Unjoni ⌫ li kulħadd jafhom tal-prodott simili (jew assoċjazzjonijiet ta' produtturi ⌦ tal-Unjoni ⌫ tal-prodott simili) u, sa' fejn possibbli, b'deskrizzjoni tal-volum u l-valur tal-produzzjoni ⌦ tal-Unjoni ⌫ tal-prodott simili meħud kont tiegħu minn produtturi bħal dawn;

b) deskrizzjoni sħiħa tal-prodott allegatament mixtri taħt il-prezz, l-ismijiet tal-pajjiż jew il-pajjiżi ta' oriġini jew ta' esportazzjoni msemmija, l-identità ta' kull esportatur jew produttur barrani magħruf u lista ta' persuni magħrufa li jimpurtaw il-prodott imsemmi;

ċ) informazzjoni dwar il-prezzijiet li bihom il-prodott msemmi jiġi mibjugħ meta destinat għal konsum fis-swieq domestiċi tal-pajjiż jew il-pajjiżi ta' oriġini jew ta' esportazzjoni (jew, fejn xieraq, informazzjoni dwar il-prezzijiet li bihom il-prodott jiġi mibjugħ minn pajjiż jew pajjiżi ta' oriġini jew ta' esportazzjoni lill-pajjiż jew pajjiżi terzi jew fuq il-valur kostrutt tal-prodott) u informazzjoni dwar il-prezzijiet għall-esportazzjoni jew, fejn xieraq, dwar il-prezzijiet li bihom il-prodott huwa l-ewwel mibjugħ mill-ġdid lil xerrej indipendenti fil- ⌦ Unjoni ⌫;

d) informazzjoni dwar tibdiliet fil-volum ta' importazzjonijiet allegatament li huma l-oġġett ta' dumping, l-effett ta' dawk l-importazzjonijiet fuq prezzijiet tal-prodott simili fuq is-suq ⌦ tal-Unjoni ⌫ u l-impatt b'konsegwenza ta' l-importazzjonijiet

fuq l-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫, kif murija mill-fatturi rilevanti u l-indiċi li għandhom effett fuq l-istat ta' l-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫, bħal dawk elenkati fl-Artikoli 3(3) u (5).

3. Il-Kummissjoni għandha, sakemm ikun possibbli, teżamina l-preċiżjoni ta' l-evidenza mogħtija fl-ilment biex tiddetermina jekk hemmx biżżejjed evidenza biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' investigazzjoni.

4. Investigazzjoni ma għandhiex tinbeda skond il-paragrafu 1 sakemm ma tkunx ġiet stabbilita, fuq il-bażi ta' eżaminazzjoni dwar il-livell ta' appoġġ għal, jew oppożizzjoni għall-ilment espress mill-produtturi ⌦ tal-Unjoni ⌫ ta' l-istess prodott, li l-ilment sar minn jew għan-nom ta' l-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫. L-ilment għandu jiġi kkunsidrat li jkun ġie magħmul minn jew għan-nom ta' l-industrija Komunitarja jekk ikun appoġġjat minn dawk il-podutturi ⌦ tal-Unjoni ⌫ li produzzjoni kollettiva tagħhom tikkostitwixxi iktar minn 50 % tal-produzzjoni totali ta' l-istess prodott, prodott minn dak il-porzjon ta' l-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫ li jappoġġja jew jopponi lill-ilment. Madanakollu, ebda investigazzjoni ma għandha tinbeda meta produtturi ⌦ tal-Unjoni ⌫ li espressament jappoġġaw l-ilment jammontaw għal inqas minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-prodott simili prodott mill-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫.

5. L-awtoritajiet għandhom jevitaw, sakemm ma tkunx meħuda deċiżjoni biex tinbeda investigazzjoni, kwalunkwe pubblikità ta' l-ilment li jfittex il-bidu ta' investigazzjoni. Madanakollu, wara riċevuta ta' lment dokumentat kif suppost u qabel jipproċedi għall-bidu ta' investigazzjoni, il-gvern tal-pajjiż ta' esportazzjoni konċernat għandu jiġi mgħarraf.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(2)

6. Jekk, f'ċirkostanzi speċjali l-Kummissjoni tiddeċiedi li tibda investigazzjoni mingħajr ma tkun irċeviet ilment bil-miktub mill-industrija tal-Unjoni jew f'isimha għall-bidu ta' investigazzjoni bħal din, dan għandu jsir abbażi ta' evidenza suffiċjenti ta' dumping, dannu u rabta ta' kawżalità, kif deskritt fil-paragrafu 2, biex jiġi ġġustifikat bidu bħal dan. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni lill-Istati Membri ladarba tkun iddeterminat il-ħtieġa li tagħti bidu għal investigazzjoni bħal din.

↓ 1225/2009 (adattat)

7. L-evidenza kemm ta' dumping kif ukoll tal-ħsara għandha tiġi kkunsidrata fl-istess ħin fid-deċiżjoni ta' jekk għandiex tinbeda investigazzjoni jew le. Ilment għandu jiġi mwarrab fejn ma jkunx hemm biżżejjed evidenza ta' dumping jew ta' ħsara biex tiġġustifika ftuħ ta' proċeduri. Ma għandhomx jinbdew proċeduri kontra pajjiżi li l-importazzjonijiet tagħhom jirrapreżentaw sehem tas-suq ta' inqas minn 1 %, sakemm pajjiżi bħal dawn kollettivament ma jagħtux kont ta' 3 % jew iktar mill-konsum tal- ⌦ Unjoni ⌫.

8. L-ilment jista' jiġi rtirat qabel il-bidu, f'liema każ għandu jiġi kkunsidrat li ma jkunx ġie mdaħħal.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(2) (adattat)

9. Fejn ikun jidher li hemm biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-ftuħ ta' proċeduri, il-Kummissjoni għandha tagħmel dan fi żmien 45 jum mid-data tat-tressiq tal-ilment u għandha tippubblika avviż f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fejn ma tkunx ġiet ippreżentata

biżżejjed evidenza, min jagħmel l-ilment għandu jkun infurmat dwar dan fi żmien 45 jum minn dakinhar li jkun tressaq l-ilment lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħti informazzjoni lill-Istati Membri li tikkonċerna l-analiżi tagħha tal-ilment normalment fi żmien 21 jum mid-data li fiha jkun tressaq l-ilment lill-Kummissjoni.

↓ 1225/2009 (adattat)
→1 37/2014 Art. 1 u Anness .22(3)

10. In-notifikazzjoni tal-ftuħ tal-proċeduri għandha tħabbar il-bidu ta' investigazzjoni, tindika l-prodott u l-pajjiżi konċernati, tagħti ġabra fil-qosor ta' l-informazzjoni riċevuta, u tipprovdi li l-informazzjoni rilevanti kollha għandha tiġi kkomunikata lill-Kumissjoni.

Għandha turi l-perjodi li matulhom, il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu lilhom infushom magħrufa, jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jissottomettu informazzjoni jekk opinjonijiet u informazzjoni bħal dawn għandhom jiġu meqjusa matul l-investigazzjoni; għandha wkoll tistqarr il-perjodu li matulu partijiet interessati jistgħu japplikaw biex jiġu mismugħa mill-Kumissjoni skond l-Artikolu 6(5).

11. Il-Kummissjoni għandha tagħti parir lill-esportaturi, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi ta' l-importaturi jew l-esportaturi magħrufa lilha li huma konċernati, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni u lil min qiegħed jagħmel l-ilment, bil-ftuħ tal-proċeduri u, b'qies dovut lejn il-protezzjoni ta' l-informazzjoni kunfidenzjali tipprovdi t-test sħiħ ta' l-ilment miktub riċevut skond il-paragrafu 1 għall-esportaturi magħrufa u għall-awtoritajiet tal-pajjiż ta' esportazzjoni, u tagħmlu disponibbli, fuq talba, lill-partijiet oħra interessati involuti. Fejn in-numru ta' l-esportaturi involuti huwa partikolarment għoli, it-test sħiħ ta' l-ilment miktub jista', minflok, jiġi pprovdut biss lill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' esportazzjoni jew lill-assoċjazzjoni rilevanti tal-kummerċ.

12. Investigazzjoni ta' anti-dumping ma għandhiex twaqqaf il-proċeduri ta' ħruġ mid-dwana.

Artikolu 6

L-investigazzjoni

1. Wara l-ftuħ tal-proċeduri, il-Kummissjoni, li taġixxi f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tibda investigazzjoni fil-livell ⌦ tal-Unjoni ⌫. Investigazzjoni bħal din għandha tkopri kemm id-dumping kif ukollil-ħsara u dawn għandhom jiġu investigati fl-istess ħin.

Għall-iskop ta' sejba rappreżentattiva, perjodu ta' investigazzjoni għandu jiġi magħżul li, fil-każ ta' dumping għandu, normalment, ikopri perjodu ta' mhux inqas min sitt xhur immedjatament qabel il-ftuħ tal-proċeduri.

Informazzjoni li għandha x'taqsam ma perjodu wara l-perjodu ta' investigazzjoni ma għandhiex, normalment, tiġi kkunsidrata.

2. Partijiet li jirċievu kwestjonarji wżati fl-investigazzjoni ta' anti-dumping għandhom jingħataw mill-inqas 30 ġurnata biex iwieġbu. Il-limitu ta' żmien għall-esportaturi għandu jingħadd mid-data ta' l-irċevuta tal-kwestjonajru, li għal dan l-iskop għandu jiġi meqjus li jkun ġie riċevut ġimgħa wara l-ġurnata li fiha kien ġie mibgħut lill-esportatur jew trasmess lir-rappreżentant xieraq diplomatiku tal-pajjiż ta' esportazzjoni. Tista' tiġi mogħtija estensjoni ta' perjodu ta' 30 ġurnata, jingħata każ tal-limiti ta' żmien ta' l-investigazzjoni, sakemm il-parti turi l-kawża dovuta għal estensjoni bħal din, f'termini taċ-ċirkustanzi partikolari tagħha.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri biex ifornu l-informazzjoni, u l-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe pass meħtieġ sabiex jagħtu effett għal talbiet bħal dawn.

Għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni l-informazzjoni mitluba flimkien mar-riżultati ta' l-ispezzjonijiet kollha, it-tiftix jew l-investigazzjonijiet imwettqa.

Fejn din l-informazzjoni hija ta' interess ġenerali jew fejn it-trasmissjoni tagħha ġiet mitluba minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tgħaddiha lill-Istati Membri, sakemm ma tkunx kunfidenzjali, f'liema każ, għandha tiġi mgħoddija ġabra fil-qosor mhux kunfidenzjali.

4. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri sabiex iwettqu t-tiftix u l-ispezzjonijiet kollha neċessarji partikolarment qalb l-importaturi, in-negozjanti u l-produtturi ⌦ tal-Unjoni ⌫, u twettaq l-investigazzjonijiet fil-pajjiżi terzi, sakemm in-negozji konċernati jagħtu l-kunsens tagħhom u l-gvern tal-pajjiż konċernat jkun ġie uffiċjalment notifikat u ma jkun qajjem ebda oġġezzjoni.

L-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe passi meħtieġa sabiex jagħtu effett għal talbiet bħal dawn mill-Kummissjoni.

Uffiċjali tal-Kummissjoni għandhom ikunu awtorizzati, jekk il-Kummissjoni jew Stat Membru jitlob hekk, li jassistu lill-uffiċjali ta' l-Istati Membri fit-twettiq tad-doveri tagħhom.

5. Il-partijiet interessati li għamlu lilhom infushom magħrufa skond l-Artikolu 5(10) għandhom jiġu mismugħa jekk huma, fi żmien il-perjodu stabbilit fin-notifikazzjoni ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għamlu talba miktuba għal udjenza li turi li huma parti interessata li x'aktarx tiġi affettwata mir-riżultat tal-proċediment u li hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jiġu mismugħa.

6. Għandhom jiġu previsti opportunitajiet, fuq talba, għall-importaturi u għall-esportaturi, għar-rappreżentanti tal-gvern tal-pajjiż ta' esportazzjoni u għal min qiegħed jagħmel l-ilmenti, li għamlu lilhom infushom magħrufa skond l-Artikolu 5(10), biex jilħqu 'l dawk il-partijiet b'interessi kuntrarji, biex jkunu jistgħu jiġu ppreżentati opinjonijiet opposti u biex jkunu jistgħu jiġu offruti argumenti ta' oppożizzjoni.

Proviżjoni għal opportunitajiet bħal dawn għandha tagħti kas tal-bżonn li tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità u tal-konvenjenza tal-partijiet.

Ma għandu jkun hemm ebda obbligu fuq kwalunkwe parti sabiex tattendi laqgħa, u nuqqas li jagħmel dan ma għandux ikun ta' preġudizzju għall-każ ta' dak il-parti.

Informazzjoni orali mogħtija taħt dan il-paragrafu għandu jingħata kas tagħha sakemm hija tkun ikkonfermata wara bil-miktub.

7. Min qiegħed jagħmel l-ilmenti, l-importaturi u l-esportaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentanti tagħhom, utenti u organizzazzjonijiet tal-konsumatur, li għamlu lilhom infushom magħrufa skond l-Artikolu 5(10), kif ukoll ir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni jistgħu, fuq talba miktuba, jispezzjonaw l-informazzjoni kollha magħmula disponibbli minn kwalunklwe parti għal investigazzjoni, bħala distinta minn dokumenti interni ppreparati mill-awtoritajiet tal- ⌦ Unjoni ⌫ jew mill-Istati Membri tagħha, li hija rilevanti għall-preżentazzjoni tal-każijiet tagħhom u mhux kunfidenzjali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 19, u li hija wżata fl-investigazzjoni.

Partijiet bħal dawn jistgħu jirrispondu għal informazzjoni bħal din u l-kummenti tagħhom għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni, kull fejn huma sostanzjati biżżejjed fit-tweġiba.

8. Għajr fiċ-ċirkustanzi li jipprevedi għalihom l-Artikolu 18, l-informazzjoni li tiġi fornuta mill-partijiet interessati u li fuqha huma bbażati s-sejbiet għandha tiġi eżaminata għall-preċiżjoni sakemm ikun possibbli.

9. Għall-proċeduri mibdija skond l-Artikolu 5(9), investigazzjoni għandha, kull fejn possibbli, tiġi konkluża fi żmien sena. Fi kwalunkwe każ, investigazzjonijiet bħal dawn għandhom fil-

każijiet kollha jiġu konklużi fi żmien 15-il xahar mill-bidu, skond is-sejbiet magħmula skond l-Artikolu 8 għall- impenji jew is-sejbiet magħmula skond l-Artikolu 9 għal azzjoni definittiva.

Artikolu 7

Miżuri proviżorji

1. Dazji proviżorji jistgħu jiġu imposti jekk:

(a) ikunu inbdew proċeduri skond l-Artikolu 5;

(b) notifikazzjoni ġiet mogħtija b'dak l-effett u l-partijiet interessati ġew ➔1 mogħtija biżżejjed opportunità ← adegwata biex jissottomettu informazzjoni u jagħmlu kummenti skond l-Artikolu 5(10);

c) jiġi determinat proviżorjament b'mod affermattiv dumping u tkun saret ħsara konsegwenti lill-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫;

(d) l-interess ⌦ tal-Unjoni ⌫ jirrikjedi intervenzjoni biex tiġi pprevenuta ħsara bħal din. Id-dazji proviżorji għandhom jiġu imposti mhux aktar kmieni minn 60 ġurnata mill-ftuħ tal-proċeduri imma mhux aktar tard minn disa' xhur mill-ftuħ tal-proċeduri.

2. L-ammont tad-dazju proviżorju anti-dumping ma għandux jaqbeż il-marġini ta' dumping kif proviżorjament stabbilit, iżda għandu jkun inqas mill-marġini jekk dazju inqas bħal dan kien ikun xieraq biex ineħħi l-ħsara mill-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫.

3. Dazji proviżorji għandhom jiġu msaħħa b'garanzija, u t-tħollija tal-prodotti konċernati għal ċirkulazzjoni ħielsa fil- ⌦ Unjoni ⌫ għandha tkun taħt il-kundizzjoni ta' għotja ta' garanzija bħal din.

🡻 37/2014 Art. 1 u Anness .22(3)

4. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri provviżorji f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(4).

🡻 1225/2009

5. Fejn Stat Membru jitlob intervent immedjat mill-Kummissjoni u fejn il-kondizzjonijiet fil-paragrafu 1 huma sodisfatti, il-Kummissjoni għandha fi żmien massimu ta' ħames ġranet ta' xogħol mill-irċevuta tat-talba, tiddeċiedi jekk għandux jiġi impost dazju proviżorji ta' kontra d-dumping.

6. Dazji proviżorji jistgħu jiġu imposti għal sitt xhur u estiżi għal tlett xhur oħra jew jistgħu jiġu imposti għal disa' xhur. Madanakollu, jistgħu jiġu estiżi biss, jew imposti għal perjodu ta' disa' xhur fejn l-esportaturi li jirrapreżentaw persentaġġ sinifikanti tal-kummerċ involut jitolbu hekk jew ma joġġezzjonawx fuq notifikazzjoni mill-Kummissjoni.

Artikolu 8

Impenji

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(4)

1. Bil-kondizzjoni li tkun saret determinazzjoni affermattiva provviżorja dwar id-dumping u d-danni, il-Kummissjoni tista', f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 15(2), taċċetta offerti ta' impenji volontarji sodisfaċenti mressqa minn kwalunkwe esportatur biex jirrevedi l-prezzijiet tiegħu jew biex iwaqqaf l-esportazzjonijiet li jkunu suġġett ta' dumping, jekk tkun sodisfatta li b'hekk jiġi eliminat l-effett ta' ħsara mid-dumping.

F'każ bħal dan u sakemm ikunu fis-seħħ dawk l-impenji, id-dazji provviżorji imposti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(1), jew id-dazji definittivi imposti f'konformità mal-Artikolu 9(4) kif ikun il-każ, ma għandhomx japplikaw għall-importazzjonijiet rilevanti tal-prodott ikkonċernat manifatturat mill-kumpanniji msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċetta l-impenji, kif emendata sussegwentement.

Iż-żidiet fil-prezzijiet b'dawn l-impenji ma għandhomx ikunu ogħla milli jkun neċessarju biex jiġi eliminat il-marġni tad-dumping u għandhom ikunu inqas mill-marġni ta' dumping jekk dawk iż-żidiet ikunu adegwati għat-tneħħija tad-dannu lill-industrija tal-Unjoni.

↓ 1225/2009 (adattat)

2. Jistgħu ikunu suġġeriti impenji mill-Kummissjoni, iżda ebda esportatur ma għandu jkun obbligat li jidħol f' impenn bħal dan. Il-fatt li l-esportaturi ma joffrux impenji bħal dawn, jew ma jaċċettawx stedina għal din, ma għandu b'ebda mod jippreġudika l-kunsiderazzjoni tal-każ.

Madanakollu, jista' jiġi stabbilit li theddida ta' ħsara hija aktar probabbli li sseħħ jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ikomplu. M'għandhomx jiġu mfittxija jew aċċettati impenji minn esportaturi sakemm ma jkunx stabbilit proviżorjament dumping fl-affermattiv u ħsara kkawżata minn tali dumping.

Ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, ma jistgħux jiġu offerti impenji aktar tard mill-aħħar tal-perjodu li matulu jistgħu jiġu magħmula r-rappreżentazzjonijiet skond l-Artikolu 20(5).

3. Impenji offruti ma għandhomx jiġu aċċettati jekk l-aċċettazzjoni tagħhom tkun meqjusa bħal mhux prattika, jekk bħal meta n-numru ta' esportaturi attwali jew potenzjali huwa kbir wisq, jew għal raġunijiet oħra, inklużi r-raġunijiet ta' politika ġenerali. L-esportatur konċernat jista' jiġi pprovdut bir-raġunijiet li għalihom hija proposta ir-rifjut ta' impenn u jista jiġi mogħti l-opportunità li jagħmel kummenti fuqhom. Ir-raġunijiet għar-rifjut għandhom jiġu mniżżla fid-deċiżjoni definittiva.

4. Partijiet li joffru impenn għandhom ikunu meħtieġa li jipprovdu verżjoni mhux kunfidenzjali ta' impenn bħal din, sabiex ikun jista' jiġi magħmul disponibbli għall-partijiet interessati fl-investigazzjoni.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(4)

5. Fejn l-impenji jkunu aċċettati l-investigazzjoni għandha tintemm. Il-Kummissjoni għandha ttemm l-investigazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3).

↓ 1225/2009

6. Jekk l-impenji jiġu aċċettati, l-investigazzjonijiet tad-dumping u tal-ħsara għandhom normalment jiġu mitmuma. F'każ bħal dan, jekk tiġi magħmula determinazzjoni negattiva ta' dumping jew ta' ħsara, l-impenn għandu jaqa' awtomatikament, għajr f'każijiet fejn determinazzjoni bħal din tkun dovuta fil-parti kbira għall-eżistenza ta' impenn. F'każijiet bħal dawn jista jiġi meħtieġ li impenn jiġi miżmum għal perjodu raġjonevoli.

Fil-każ li tkun magħmula determinazzjoni affirmattiva ta' bejgħ dumping u tal-ħsara, l-impenn għandu jibqa'' konsistenti mat-termini tagħha u mad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

7. Il-Kummissjoni għandha titlob minn kwalunkwe esportatur li mingħandu jkun ġie aċċettat impenn li jipprovdi, perjodikament, informazzjoni rilevanti biex iseħħ impenn bħal dan u biex jippermetti verifika ta' dejta pertinenti. Nuqqas ta' konformità ma' ħtiġiet bħal dawn għandha tiġi meqjusa bħala ksur tal-impenn.

8. Fejn jiġu aċċettati impenji minn xi esportaturi matul investigazzjoni, għandhom, għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 11, jiġu meqjusa li jieħdu effett mid-data li fiha l-investigazzjoni tiġi konkluża għall-pajjiż ta' esportazzjoni.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(4)

9. Fil-każ ta' ksur jew irtirar ta' impenji minn kwalunkwe parti f'dak l-impenn, jew fil-każ ta' rtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn mill-Kummissjoni, l-aċċettazzjoni tal-impenn għandha tiġi rtirata b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni jew Regolament tal-Kummissjoni, kif ikun xieraq, u d-dazju provviżorju li jkun ġie impost mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 jew id-dazju definittiv li jkun ġie impost f'konformità mal-Artikolu 9(4) għandu japplika awtomatikament, sakemm l-esportatur ikkonċernat ikun ingħata l-opportunità biex jikkummenta, ħlief fejn ikun irtira l-impenn hu stess. Il-Kummissjoni għandha tagħti informazzjoni lill-Istati Membri meta tiddeċiedi li tirtira impenn.

↓ 1225/2009

Kull parti interessata jew Stat Membru jistgħu jissottomettu informazzjoni li *prima facie* hi prova ta' ksur ta' impenn. Il-valutazzjoni sussegwenti jekk ikunx sar ksur ta' impenn normalment tintemm fi żmien sitt xhur, iżda f'ebda każ f'aktar minn disa' xhur wara talba debitament sostanzjata.

Il-Kummissjoni tista' titlob l-assistenza ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-monitoraġġ fuq il-impenji.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(4)

10. Jista' jiġi impost dazju f'konformità mal-Artikolu 7 abbażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli meta jkun hemm raġuni biex wieħed jaħseb li qiegħed jinkiser xi impenn, jew fil-każ ta' ksur jew irtirar ta' impenn, meta l-investigazzjoni li tkun wasslet għal dak l-impenn ma tkunx ġiet konkluża.

↓ 1225/2009 (adattat)

Artikolu 9

Terminazzjoni mingħajr miżuri; impożizzjoni ta' dazji definittivi

1. Fejn l-ilment jiġi rtirat, il-proċediment jista' jiġi mitmum sakemm terminazzjoni bħal din ma tkunx kontra l-interess ⊠ tal-Unjoni ⊠.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(5)

2. Fejn ma jkunux meħtieġa miżuri protettivi l-investigazzjoni jew il-proċediment għandu jintemm. Il-Kummissjoni għandha ttemm l-investigazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3).

↓ 1225/2009

3. Għal proċediment mibdi skond l-Artikolu 5(9), ħsara għandha normalment tiġi meqjusa negliġibbli fejn l-importazzjonijiet konċernati jirrappreżentaw inqas mill-volumi stabbiliti fl-Artikolu 5(7). Għall-istess proċediment, għandu jkun hemm terminazzjoni immedjata fejn jiġi stabbilit li l-marġini tal-bejgħ taħt il-prezz huwa inqas minn 2 %, espress bħala persentaġġ tal-prezz ta' l-esportazzjoni, għalkemm hija biss l-investigazzjoni li għandha tiġi mitmuma fejn il-marġini huwa taħt 2 % għall-esportaturi individwali u għandhom jibqgħu soġġetti għall-proċediment u jistgħu jiġu investigati mill-ġdid fi kwalunkwe reviżjoni mwettqa għall-pajjiż konċernat skond l-Artikolu 11.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(5)

4. Fejn il-fatti kif finalment stabbiliti juru li hemm dumping u dannu kkawżat minnu, u fl-interess tal-Unjoni hemm lok għal intervent f'konformità mal-Artikolu 21, għandu jiġi impost dazju anti-dumping definittiv mill-Kummissjoni li taġixxi skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artiklu 15(3). Fejn ikunu fis-seħħ dazji provviżorji, il-Kummissjoni għandha tibda dik il-proċedura sa mhux iktar tard minn xahar qabel ma dazji bħal dawn jiskadu.

L-ammont tad-dazju anti-dumping ma għandux ikun ogħla mill-marġni tad-dumping stabbilit iżda għandu jkun inqas mill-marġni jekk tali dazju inqas ikun adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni.

↓ 765/2012 Art. 1

5. Għandu jiġi impost dazju anti-dumping f'ammonti xierqa f'kull każ, fuq bażi mhux diskriminatorja fuq importazzjonijiet ta' prodott mill-għejun kollha li jinstab li kien l-oġġett ta' dumping u li kkawża l-ħsara, ħlief għall-importazzjonijiet minn dawk l-għejun li dwarhom ġew aċċettati garanziji skont it-termini ta' dan ir-Regolament.

Ir-Regolament li jimponi miżuri kontra d-dumping għandu jispeċifika d-dazju għal kull fornitur jew, jekk dan ma jkunx prattikabbli, il-pajjiż fornitur ikkonċernat. Forniturli huma ġuridikament distinti minn forniturioħra jew li huma ġuridikament distinti mill-Istat jistgħu madankollu jkunu kkunsidrati bħala entità waħda għall-għan tal-ispeċifikar tad-dazju. Għall-applikazzjoni ta' dan is-subparagrafu, jistgħu jitqiesu fatturi bħall-eżistenza ta'

konnessjonijiet strutturali jew korporattivi bejn il-fornituri u l-Istat jew bejn il-fornituri, il-kontroll jew l-influwenza materjali mill-Istat fir-rigward tal-ipprezzar u l-produzzjoni, jew l-istruttura ekonomika tal-pajjiż fornitur.

↓ 1225/2009 (adattat)
→1 1168/2012 Art. 1.2
→2 37/2014 Art. 1 u Anness .22(6)
→3 37/2014 Art. 1 u Anness .22(7)

6. →1 Meta l-Kummissjoni tkun illimitat l-eżami tagħha skont l-Artikolu 17, kwalunkwe dazju anti-dumping applikat għall-importazzjonijiet minn esportaturi jew produtturi li jkunu ressqu d-dettalji tagħhom skont l-Artikolu 17 imma li ma kinux ġew inklużi fl-eżami ma għandux jaqbeż il-marġini medju peżat ta' dumping stabbilit fir-rigward tal-partijiet fil-kampjun, irrispettivament minn jekk il-valur normali għal dawn il-partijiet huwiex determinat abbażi tal-Artikolu 2(1) sa (6) jew il-punt (a) tal-Artikolu 2(7). ←

Għall-iskopijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tinjora kwalunkwe marġini żero u *de minimis*, u marġini stabbiliti fiċ-ċirkustanzi li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 18.

Dazji individwali għandhom jiġu applikati għall-importazzjonijiet minn kwalunkwe esportatur jew produttur li huwa mogħti trattament individwali, kif previsti fl-Artikolu 17.

Artikolu 10

Retroattività

1. Miżuri proviżorji u dazji definittivi kontra d-dumping għandhom jiġu applikati biss għal prodotti li jidħlu f'ċirkolazzjoni ħielsa wara ż-żmien meta d-deċiżjoni meħuda skond l-Artikoli 7(1) jew 9(4), kif jista' jkun il-każ, tiġi infurzata, soġġetta għall-eċċezzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

→2 2. Fejn ikun ġie applikat dazju provviżorju u l-fatti kif finalment stabbiliti juru li hemm id-dumping u d-dannu, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, irrispettivament minn jekk għandux jiġi impost dazju anti-dumping definittiv, liema proporzjon tad-dazju provviżorju għandu jinġabar b'mod definittiv. ← Għal dan l-iskop, "ħsara" ma għandiex tinkludi dewmien materjali ta' l-istabbiliment ta' industrija tal- ⊠ Unjoni ⊠, anqas theddida ta' ħsara materjali, għajr fejn jinstab li dan seta', fin-nuqqas ta' miżuri proviżorji, żviluppa fi ħsara materjali. Fil-każijiet l-oħra kollha li jinvolvu theddida jew dewmien bħal dan, għandhom jitħallew kwalunkwe ammonti proviżorji u dazji definittivi jistgħu jiġu imposti biss mid-data li fiha tkun magħmula determinazzjoni ta' theddida jew ta' ritardazzjoni materjali.

3. Jekk id-dazju definittiv kontra d-dumping huwa ogħla mid-dazju proviżorju, id-differenza ma għandhiex tiġi miġbura. Jekk id-dazju definittiv huwa inqas mid-dazju proviżorju, id-dazju għandu jiġi kkalkulat mill-ġdid. Fejn stabbiliment finali jkun negattiv, id-dazju proviżorju ma għandux jiġi konfermat.

4. Dazju definittiv kontra d-dumping jista' jiġi ntaxxat fuq prodotti li ddaħħlu għall-konsum mhux iktar minn 90 ġurnata qabel id-data ta' l-applikazzjoni tal-miżuri proviżorji iżda mhux qabel il-bidu ta' l-investigazzjoni sakemm:

(a) l-importazzjonijiet ikunu ġew irreġistrati skond l-Artikolu 14(5);

(b) il-Kummissjoni tkun tat l-opportunità lill-importaturi konċernati li jikkummentaw;

(c) hemm, għall-prodott konċernat, storja ta' bejgħ taħt il-prezz tul perjodu estiż, jew l-importatur kien konxju ta', jew kellu jkun konxju tal-bejgħ taħt il-prezz fejn għandu x'jaqsam il-grad tal-bejgħ taħt il-prezz u l-ħsara allegata jew misjuba;

(d) flimkien mal-livell ta' l-importazzjonijiet li kkawżaw ħsara matul il-perjodu ta' investigazzjoni, hemm żjieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet li, fid-dawl ta' meta sseħħ u l-volum u ċirkustanzi oħra, x'aktarx taħdem b'mod serju kontra l-effett ta' rimedju tad-dazju kontra l-bejgħ taħt il-prezz li għandu jiġi applikat.

5. F'każijiet ta' ksur jew irtirar ta' impenji, jistgħu jiġu miżjuda dazji definittivi fuq merkanzija mdaħħla għal ċirkulazzjoni ħielsa mhux iktar minn 90 ġurnata qabel l-applikazzjoni tal-miżuri proviżorji, sakemm l-importazzjonijiet ikunu ġew irreġistrati skond l-Artikolu 14(5), u sakemm kwalunkwe stima retroattiva bħal din ma għandhiex tapplika għal importazzjonijiet imdaħħla qabel il-ksur jew l-irtirar ta' impenn.

Artikolu 11

Id-dewmien, ir-reviżjonijiet u r-rifużjonijiet

1. Miżura kontra d-dumping għandha tibqa' infurzata biss sakemm, u sal-punt li, huwa meħtieġ li jiġi oppost d-dumping li jkun qiegħed jikkawża ħsara.

2. Miżura definittiva kontra d-dumping għandha tiskadi ħames snin wara l-impożizzjoni tagħha jew ħames snin mid-data tal-konklużjoni ta' l-iktar reviżjoni riċenti li kopriet kemm id-dumping kif ukoll il-ħsara, sakemm ma jiġix stabbilit f'reviżjoni li d-data ta' skadenza kienet x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza tal-bejgħ taħt il-prezz u l-ħsara. Reviżjoni ta' skadenza bħal din għandha tinbeda fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jew fuq talba magħmula minn, jew għan-nom ta', produtturi ⌦ tal-Unjoni ⌫, u l-miżura għandha tibqa' infurzata fl-istennija tar-riżultat ta' reviżjoni bħal din.

Reviżjoni ta' skadenza għandha tinbeda fejn it-talba jkun fiha evidenza suffiċjenti li l-iskadenza tal-miżuri kienu x'aktarx jirriżultaw f'kontinwazzjoni jew rikorrenza tal-bejgħ taħt il-prezz u l-ħsara. Probabbiltà bħal din tista', per eżempju, tiġi indikata b'evidenza ta' bejgħ taħt il-prezz u ħsara kontinwa jew evidenza li t-tneħħija tal-ħsara hija parzjali jew ikkawżata biss mill-eżistenza ta' miżuri jew evidenza li ċ-ċirkustanzi ta' l-esportaturi, jew il-kondizzjonijiet tas-suq, huma tali li kienu jindikaw il-probabbilità ta' aktar dumping b'dannu.

Fit-twettiq ta' l-investigazzjonijiet taħt dan il-paragrafu l-esportaturi, l-importaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni u l-produtturi tal- ⌦ Unjoni ⌫ għandhom jiġu mogħtija l-opportunità li jamplifikaw, jopponu jew jikkummentaw fuq il-kwistjonijiet stabbiliti fit-talba tar-reviżjoni, u għandhom isiru konklużjonijiet, filwaqt li tingħata l-attenzjoni mistħoqqa għall-evidenza rilevanti u dokumentata ppreżentata fejn għandha x'taqsam il-kwistjoni dwar jekk l-iskadenza tal-miżuri twassalx għall-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dumping u tal-ħsara.

Notifika ta' l-iskadenza pendenti għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fi żmien xieraq fis-sena tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri finali kif definiti f'dan il-paragrafu. Minn hemm, il-produtturi tal- ⌦ Unjoni ⌫ għandhom, mhux iktar tard minn tlett xhur qabel l-aħħar tal-perjodu ta' ħames snin, ikunu intitolati li jagħmlu talba ta' reviżjoni skond it-tieni sub-paragrafu. Notifika li tħabbar l-iskadenza attwali tal-miżuri skond dan il-paragrafu għandha wkoll tiġi ppubblikata.

3. Il-bżonn ta' l-impożizzjoni kontinwa ta' miżuri tista' tiġi riveduta wkoll, fejn garantita, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq it-talba ta' Stat Membru, jew sakemm ikun għadda perjodu raġjonevoli ta' mill-inqas sena mill-impożizzjoni tal-miżura definittiva, fuq talba

minn kwalunkwe esportatur jew importatur jew mill-produtturi tal- ⌦ Unjoni ⌫ li jkun fiha biżżejjed evidenza li tissostanzja l-bżonn għal reviżjoni *interim* bħal din.

Reviżjoni interim għanda tinbeda fejn it-talba jkun fiha evidenza biżżejjed li l-impożizzjoni kontinwa tal-miżura ma għadhiex aktar neċessarja biex twieġeb għall-bejgħ taħt il-prezz u/jew li l-ħsara x'aktarx ma titkompliex jew ma terġax tiġri li kieku l-miżura kellha titneħħa jew tiġi mibdula, jew li l-miżura eżistenti mhix, jew ma għadhiex iktar, biżżejjed sabiex tirribatti għall-bejgħ taħt il-prezz li jkun qiegħed jikkawża ħsara.

Fit-twettiq ta' l-investigazzjonijiet skond dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista', inter alia, tikkunsidra jekk iċ-ċirkustanzi fejn għandhom x'jaqsmu l-bejgħ taħt il-prezz u l-ħsara, tbiddlux b'mod sinifikanti, jew jekk il-miżuri eżistenti humiex qegħdin jilħqu r-riżultati maħsuba fit-tneħħija tal-ħsara stabbilita qabel taħt l-Artikolu 3. F'dan il-każ, għandu jingħata każ, fid-determinazzjoni finali, ta' l-evidenza kollha rilevanti u dokumentata kif suppost.

4. Għandha ssir ukoll reviżjoni bl-iskop li jiġu stabbiliti l-marġini individwali tad-dumping għal esportaturi ġodda fil-pajjiż ta' esportazzjoni in kwistjoni li ma esportax il-prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu kienu bbażati l-miżuri.

Ir-reviżjoni għandha tinbeda fejn esportatur ġdid jew produttur jista' juri li ma huwa relatat ma ebda esportatur jew produttur fil-pajjiż ta' esportazzjoni li huwa soġġett għall-miżuri kontra l-bejgħ taħt il-prezz fuq il-prodott, u li attwalment esporta lill- ⌦ Unjoni ⌫ wara l-perjodu ta' investigazzjoni, jew fejn jista' juri li daħal f'obbligu kuntrattwali rrevokabbli li jesporta kwantità sinifikanti lill- ⌦ Unjoni ⌫.

➔3 Analiżi għal esportatur ġdid għandha tinbeda u titwettaq fuq bażi mgħaġġla wara li l-produtturi tal-Unjoni jkunu ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. ← Ir-Regolament tal-Kummissjoni li jibda reviżjoni għandu jirrevoka d-dazju infurzat fejn jidħol l-esportatur ġdid konċernat billi jemenda r-Regolament li impona dazju bħal dan, u billi l-importazzjonijiet jiġu soġġetti għal reġistrazzjoni skond l-Artikolu 14(5) sabiex jiġi żgurat li, f'każ li r-reviżjoni tirriżulta li kien hemm bejgħ taħt il-prezz fejn jidħol esportatur bħal dan, jkunu jistgħu jiġu ntaxxati dazji kontra d-dumping b'mod retroattiv kontra d-data ta' inizjazzjoni tar-reviżjoni.

Id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw fejn id-dazji jkunu ġew imposti taħt l-Artikolu 9(6).

5. Id-disposizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament rigward proċeduri u t-twettieq ta' investigazzjonijiet, ħlief dawk li għandhom x'jaqsmu ma' limiti ta' żmien, jgħoddu għal kull reviżjoni li titwettaq skond il-paragrafi 2, 3 u 4.

Ir-reviżjonijiet li jitwettqu skond il-paragrafi 2 u 3 għandhom jitwettqu malajr u normalment għandhom jintemmu fi 12-il xahar mill-bidu tar-reviżjoni. F'kull ċirkostanza, reviżjonijiet skond il-paragrafi 2 u 3 għandhom f'kull każ jintemmu fi 15-il xahar minn meta jinbdew.

Reviżjonijiet skond il-paragrafu 4 għandhom f'kull każ jintemmu fi żmien disa' xhur mid-data ta' meta jinbdew.

Jekk tinbeda reviżjoni skond il-paragrafu 2 waqt li tkun għaddejja reviżjoni skond il-paragrafu 3 fl-istess proċediment, ir-reviżjoni skond il-paragrafu 3 għandha tintemm fl-istess ħin għar-reviżjoni skond il-paragrafu 2.

Jekk l-investigazzjoni ma tintemmx fit-terminu perentorju fuq imsemmi, il-miżura għandha:

– tiskadi f'investigazzjonijiet skond il-paragrafu 2,

– tiskadi fil-każ ta' investigazzjonijiet imwettqa skond il-paragrafi 2 u 3 b'mod parallel, fejn jew l-investigazzjoni skond il-paragrafu 2 kienet inbdiet waqt li kienet għaddejja

reviżjoni skond il-paragrafu 3 fl-istess proċediment jew fejn dawn ir-reviżjonijiet inbdew fl-istess ħin, jew

– tibqa' l-istess f'investigazzjonijiet skond il-paragrafi 3 u 4.

Avviż li jxandar l-iskadanza fattwali jew iż-żamma tal-miżuri skond dan il-paragrafu għandu imbagħad jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(7)

6. Analiżijiet skont dan l-Artikolu għandhom jinbdew mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tibdiex l-analiżijiet jew le skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 15(2). Il-Kummissjoni għandha wkoll tipprovdi informazzjoni lill-Istati Membri ladarba l-operatur jew Stat Membru jkun ressaq talba li tiġġustifika l-bidu ta' analiżi skont il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu u l-Kummissjoni tkun lestiet l-analiżi tagħha ta' dan, jew ladarba l-Kummissjoni tkun iddeterminat hija stess li l-ħtieġa li tissokta l-impożizzjoni tal-miżuri għandha tiġi analizzata.

Fejn meħtieġ mill-analiżijiet, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3), il-miżuri għandhom jitħassru jew jinżammu skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jew jitħassru, jinżammu jew jiġu emendati skont il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

Fejn il-miżuri jitħassru għal esportaturi individwali, iżda mhux għall-pajjiż kollu kemm hu, esportaturi bħal dawn għandhom jibqgħu soġġetti għall-proċediment u jistgħu, awtomatikament, jiġu investigati mill-ġdid fi kwalunkwe analiżi sussegwenti mwettqa għal dak il-pajjiż skont dan l-Artikolu.

↓ 1225/2009 (adattat)

7. Fejn reviżjoni tal-miżuri skond il-paragrafu 3 tkun għaddejja fl-aħħar tal-perjodu ta' l-applikazzjoni tal-miżuri kif definit fil-paragrafu 2, reviżjoni bħal din għandha tkopri wkoll iċ-ċirkustanzi stabbiliti fil-paragrafu 2.

8. Minkejja l-paragrafu 2, importatur jista' jitlob li jerġgħu jitħallsu lura d-dazji miġbura fejn jintwera li l-marġini tad-dumping, fuq il-bażi li fuqu kienu mħallsa d-dazji, jkun ġie eliminat, jew imnaqqas għal livell li huwa inqas mill-livell tad-dazju infurzat.

Fit-talba ta' rifużjoni tad-dazji kontra d-dumping, l-importatur għandu jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni. L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa permezz ta' Stat Membru tat-territorju li fih il-prodotti tħallew għal ċirkulazzjoni ħielsa, fi żmien sitt xhur mid-data li fiha kien ġie stabbilit l-ammont tad-dazji definittivi li kellhom jiġu ntaxxati kif xieraq mill-awtoritajiet kompetenti jew mid-data li fiha kienet ittieħdet deċiżjoni definittiva biex jiġu miġbura l-ammonti ggarantiti permezz ta' dazju proviżorju. L-Istati Membri għandhom jgħaddu t-talba lill-Kummissjoni mal-ewwel.

Applikazzjoni għal rifużjoni għandha tiġi kkunsidrata biss meta din tkun appoġġjata kif suppost permezz ta' evidenza fejn din ikollha informazzjoni preċiża dwar l-ammont ta' rifużjoni fuq id-dazji kontra d-dumping mitlub u d-dokumentazzjoni kollha tad-dwana li għandha x'taqsam mal-kalkulazzjoni u l-pagament ta' ammont bħal dan. Għandha wkoll tinkludi evidenza, għal perjodu rappreżentattiv, tal-valuri normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lill- ⌦ Unjoni ⌫ għall-esportatur jew il-produttur li għalih japplika d-dazju. F'każijiet fejn l-importatur ma jkunx assoċjat ma' l-esportatur jew mal-produttur konċernat u informazzjoni bħal din mhix immedjatament disponibbli, jew fejn l-esportatur jew il-produttur ma jixtieqx jagħti din l-informazzjoni lill-importatur, l-applikazzjoni għandu jkun

fiha dikjarazzjoni mill-esporatur jew il-produttur li l-marġini tad-dumping ġie mnaqqas jew eliminat, kif speċifikat f'dan l-Artikolu, u li sejra tingħata l-evidenza ta' sostenn rilevanti lill-Kummissjoni. Fejn l-evidenza min-naħa ta' l-esportatur jew tal-produttur ma tkunx disponibbli fi żmien perjodu raġonevoli ta' żmien, l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(7)

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk għandhiex tingħata l-applikazzjoni u sa liema punt, jew tista' tiddeċiedi fi kwalunkwe mument li tibda analiżi temporanju, fejn l-informazzjoni u s-sejbiet minn tali analiżi imwettqa f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għal tali reviżjonijiet għandhom jintużaw biex jiġi stabbilit jekk tkunx iġġustifikata rifużjoni u sa liema punt. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni lill-Istati Membri ladarba tlesti l-analiżi tagħha.

↓ 1225/2009 (adattat)
➔1 Rettifika ĠU L 7, 12.1.2010, p. 22

Rifużjonijiet tad-dazji għandhom normalment iseħħu fi żmien 12-il xahar, u taħt ebda ċirkustanzi iktar tard minn 18-il xahar wara d-data li fiha tkun saret talba għal rifużjoni, sostnuta kif suppost permezz ta' evidenza, minn importatur tal-prodott soġġett għad-dazju kontra d-dumping.

Il-ħlas ta' kwlunkwe rifużjoni awtorizzata għandu normalment isir mill-Istati Membri fi żmien 90 ġurnata mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

9. Fl-investigazzjonijiet kollha ta' reviżjoni jew ta' rifużjoni imwettqa skond dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, sakemm iċ-ċirkustanzi ma jkunux tbiddlu, tapplika l-istess metodoloġija bħal fl-investigazzjoni li wasslet għad-dazju, waqt li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-Artikolu 2, u b'mod partikolari għall-paragrafi 11 u 12 tiegħu, u għall-Artikolu 17.

10. Fi kwalunwke investigazzjoni imwettqa skond dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha teżamina kemm huma ta' min joqgħod fuqhom il-prezzijiet ta' esportazzjoni skond l-Artikolu 2. Madanakollu, fejn jiġi deċiż li l-prezz fuq l-esportazzjoni jiġi kkalkulat bi qbil ma' l-Artikolu 2(9), hija għandha tikkalkulah mingħajr ebda tnaqqis għall-ammont ta' dazji kontra d-dumping mħallsa meta tkun mogħtija evidenza konklużiva li d-dazju huwa rifless kif suppost fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u l-prezzijiet għall-bejgħ sussegwenti fil-⌦ Unjoni ⌫.

Artikolu 12

➔1 Assorbiment ←

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(8)

1. Fejn l-industrija tal-Unjoni jew kwalunkwe parti interessata oħra tibgħat, normalment fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tal-miżuri, informazzjoni biżżejjed li turi li, wara l-perijodu tal-investigazzjoni oriġinali u qabel jew wara l-impożizzjoni ta' miżuri, il-prezzijiet ta' esportazzjoni naqsu jew li ma kien hemm l-ebda moviment, jew moviment insuffiċjenti, fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew il-prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti tal-prodott importat fl-Unjoni, il-Kummissjoni tista' tiftaħ mill-ġdid l-investigazzjoni biex jiġi eżaminat jekk il-miżura ħallitx effetti fuq il-prezzijiet imsemmija hawn fuq. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-

informazzjoni lill-Istati Membri hekk kif parti interessata tkun ressqet informazzjoni suffiċjenti biex tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni u l-Kummissjoni tkun lestiet l-analiżi tagħha ta' din.

↓ 1225/2009 (adattat)
→1 Rettifika ĠU L 7, 12.1.2010, p. 22

L-investigazzjoni tista' ukoll terġa' tinfetaħ, taħt il-kondizzjonijiet fuq imsemmija, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba ta' Stat Membru.

2. →1 Matul investigazzjoni mill-ġdid skond dan l-Artikolu, l-esportaturi, l-importaturi u l-produtturi ⌦ tal-Unjoni ⌫ għandhom jiġu mogħtija l-opportunità li jikkjarifikaw is-sitwazzjoni fejn jidħlu l-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid u l-prezzijiet tal-bejgħ sussegwenti. Jekk jiġi konkluż li l-miżura kellha twassal għal movimenti fi prezzijiet bħal dawn, allura, sabiex titneħħa l-ħsara stabbilita qabel skond l-Artikolu 3, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni għandhom jiġu stamati mill-ġdid skond l-Artikolu 2 u l-marġini tad-dumping għandhom jiġu kkalkulati mill-ġdid biex jagħtu kas tal-prezzijiet fuq l-esportazzjoni stmati mill-ġdid. Meta jiġi kkunsidrat li jinqtlaqgħu l-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(1) minħabba f'riduzzjoni fil-prezzijiet ta' esportazzjoni li tkun ġrat wara l-perjodu oriġinali ta' investigazzjoni u qabel jew wara l-imposizzjoni ta' miżuri, jistgħu jiġu kalkolati mill-ġdid marġini tad-dumping biex jitqiesu dawn il-prezzijiet imnaqqsa ta' l-esportazzjoni. ←

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(8)

3. Fejn investigazzjoni mill-ġdid skont dan l-Artikolu turi li d-dumping ikun żdied, il-miżuri fis-seħħ jistgħu jiġu emendati mill-Kummissjoni li taġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3), f'konformità mas-sejbiet il-ġodda dwar il-prezzijiet ta' esportazzjoni. L-ammont ta' dazju anti-dumping impost bis-saħħa ta' dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż id-doppju tal-ammont tad-dazju impost inizjalment.

↓ 1225/2009

4. Id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Artikolu 5 u 6 għandhom jgħoddu għal kull investigazzjoni mill-ġdid li titwettaq bis-saħħa ta' dan l-Artikolu, ħlief li dik l-investigazzjoni mill-ġdid titwettaq malajr u normalment tintemm fi żmien sitt xhur mid-data tal-bidu ta' l-investigazzjoni mill-ġdid. Fi kwalunkwe każ, dawn l-investigazzjonijiet mill-ġdid għandhom fil-każijiet kollha jintemmu fi żmien disa' xhur mill-bidu ta' l-investigazzjoni mill-ġdid.

↓ 1225/2009 (adattat)

Jekk l-investigazzjoni mill-ġdid ma tintemmx fit-termini perentorji speċifikati fl-ewwel subparagrafu, il-miżuri jibqgħu ma jinbidlux. Għandu jiġi ppubblikat avviż li jgħarraf iż-żamma tal-miżuri skond dan il-paragrafu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

5. Tibdiliet allegati fil-valur normali għandu biss jittieħed kont tagħhom taħt dan l-Artikolu fejn informazzjoni kompluta dwar il-valuri normali rriveduti, sostanzjati minn evidenza dovuta xierqa, huma disponibbli għal Kummissjoni fi żmien il-limiti ta' żmien stabbiliti fin-notifikazzjoni tal-bidu ta' investigazzjoni. Fejn investigazzjoni tinvolvi eżami mill-ġdid tal-valuri normali, l-importazzjonijiet jistgħu jiġu soġġetti għal reġistrazzjoni skond l-Artikolu 14(5) fl-istennija tar-riżultat ta' l-investigazzjoni mill-ġdid.

Artikolu 13

Evażjoni

1. Id-dazji ta' kontra d-dumping imposti skond dan ir-Regolament jistgħu jiġu estiżi għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, ta' prodotti simili, kemm jekk ftit modifikati kemm jekk le; jew għal importazzjonijiet ta' prodotti simili ftit modifikati mill-pajjiż li hu soġġett għall-miżuri; jew għal partijiet minnhom, meta tkun qed issir evażjoni mill-miżuri fis-seħħ.

Id-dazji ta' kontra d-dumping li ma jeċċedux d-dazju residwu ta' kontra d-dumping impost skond l-Artikolu 9(5) jistgħu jiġu estiżi għal importazzjonijiet minn kumpanniji li jibbenefikaw minn dazji individwali fil-pajjiżi li huma suġġetti għall-miżuri fejn qed titwettaq l-evażjoni.

Evażjoni għandha tiġi mfissra bħala bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn pajjiżi terzi u l-⌦ Unjoni ⌫ jew bejn kumpanniji individwali fil-pajjiż soġġett għall-miżuri u l-⌦ Unjoni ⌫, li tinħoloq minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom hemm raġuni tajba jew ġustifikazzjoni ekonomika insuffiċjenti ħlief l-imposizzjoni ta' dazju, u fejn ikun hemm xhieda ta' ħsara jew li l-effetti tad-dazju biex iġibu rimedju qiegħdin jiddgħajfu fir-rigward tal-prezzijiet u/jew il-kwantitajiet ta' prodott simili, u fejn ikun hemm xhieda ta' dumping rigward il-valuri normali stabbiliti preċedentement għall-prodott simili, jekk ikun neċessarju skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2.

Il-prattika, proċess jew ħidma msemmija fl-ewwel subparagrafu jinkludu, *inter alia:*

(a) il-modifika żgħira tal-prodott konċernat biex jaqa' taħt kodiċijiet doganali li normalment ma humiex soġġetti għall-miżuri, sakemm il-modifika ma tibdilx il-karatteristiċi essenzali tiegħu;

(b) il-kunsinna tal-prodott soġġett għall-miżuri permezz ta' pajjiżi terzi;

(c) l-organizzazzjoni mill-ġdid mill-esportaturi u l-produtturi tax-xejriet tagħhom u tal-kanali tal-bejgħ fil-pajjiż soġġett għall-miżuri sabiex eventwalment il-prodotti tagħhom jiġu esportati lejn l-⌦ Unjoni ⌫ permezz ta' produtturi li jibbenefikaw minn dazju individwali li hu inqas minn dak li japplika għall-prodotti tal-fabbrikanti;

(d) fiċ-ċirkostanzi imsemmija fil-paragrafu 2, l-assemblaġġ ta' partijiet minn operazzjoni ta' l-assemblaġġ fl-⌦ Unjoni ⌫ jew f'pajjiż terz.

2. Operazzjoni ta' assembleġġ fl-⌦ Unjoni ⌫ jew pajjiż terz għandha tiġi kkunsidrata li tevadi l-miżuri fis-seħħ meta:

a) l-operazzjoni bdiet jew żdiedet sostanzjalment minn meta, jew eżatt qabel, il-bidu ta' l-investigazzjoni kontra dumping u l-partijiet ikkonċernati huma mill-pajjiż soġġett għall-miżuri; u

b) il-partijiet jikkostitwixxu 60 % jew iktar mill-valur totali tal-partijiet tal-prodott mibni, ħlief li f'ebda każ ma għandha l-evażjoni tiġi meqjusa li tkun qiegħda isseħħ fejn il-valur miżjud mal-partijiet miġjuba, matul l-operazzjoni ta' assembleġġ jew ta' kompletazzjoni, jkun ikbar minn 25 % ta' l-ispiża tal-fabbrikazzjoni; u

ċ) l-effetti ta' rimedju tad-dazju ma jkunux qegħdin jiġu kkunsidrati fejn jidħlu l-prezzijiet u/jew il-kwantitajiet tal-prodott simili mibni u hemm evidenza ta' dumping fejn għandhom x'jaqsmu l-valuri normali qabel stabbiliti għal prodotti simili jew bħalhom.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(9)

3. L-investigazzjonijiet għandhom jinbdew skont dan l-Artikolu fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba ta' Stat Membru jew ta' kwalunkwe parti interessata fuq il-bażi ta' evidenza suffiċjenti rigward il-fatturi stabbiliti fil-paragrafu 1. Il-bidu tal-investigazzjonijiet għandu jsir permezz ta' Regolament tal-Kummissjoni li jista' wkoll jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali biex l-importazzjonijiet ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(5) jew jitolbu garanziji. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni lill-Istati Membri ladarba parti interessata jew Stat Membru jkun ressaq talba li tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni u l-Kummissjoni tkun lestiet l-analiżi tagħha ta' din, jew fejn il-Kummissjoni tkun iddeterminat hija stess li jeħtieġ li tinbeda investigazzjoni.

L-investigazzjonijiet għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tiġi assistita mill-awtoritajiet doganali u l-investigazzjoni għandha tintemm fi żmien disa' xhur.

Meta l-fatti kif finalment aċċertati jiġġustifikaw l-estensjoni tal-miżuri, dan għandu jsir mill-Kummissjoni li taġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3). L-estensjoni ssir effettiva mid-data li fiha ġiet imposta r-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5), jew li fiha ntalbu l-garanziji. Id-dispożizzjonijiet proċedurali rilevanti ta' dan ir-Regolament rigward il-bidu u t-tmexxija ta' investigazzjonijiet għandhom japplikaw skont dan l-Artikolu.

↓ 1225/2009 (adattat)

4. L-importazzjonijiet ma jkunux suġġetti għar-reġistrazzjoni skond l-Artikolu 14(5) jew għal miżuri meta jkunu negozjati minn kumpanniji li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet.

It-talbiet għall-eżenzjonijiet debitament sostnuti minn xiedha għandhom jiġu sottomessi fit-termini perentorji stabbiliti fir-regolament tal-Kummissjoni li jibda' l-investigazzjoni.

Meta l-prattika, proċess jew ħidma li ġġib ħelsien mir-restrizzjonijiet issir barra mill-⌦ Unjoni ⌫, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet lill-produtturi tal-prodott ikkonċernat li jistgħu juru li ma għandhom l-ebda relazzjoni ma' xi produttur li hu suġġett għall-miżuri li li jinstabu li ma humiex iwettqu prattiċi ta' ħelsien mir-restrizzjonijiet kif imfisserfil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Meta l-prattika, proċess jew ħidma li ġġib ħelsien mir-restrizzjonijiet issir ġewwa l-⌦ Unjoni ⌫, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet lill-importaturi li jistgħu juru li ma għandhom l-ebda relazzjoni ma' produtturi li huma soġġetti għall-miżuri.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(9)

Dawn l-eżenzjonijiet għandhom jingħataw b'deċiżjoni tal-Kummissjoni u għandhom jibqgħu validi għall-perijodu u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fiha. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni lill-Istati Membri ladarba tlesti l-analiżi tagħha.

↓ 1225/2009

Sakemm jiġu osservati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(4), l-eżenzjonijiet jistgħu ukoll jingħataw wara li tintemm l-investigazzjoni li twassal għall-estensjoni tal-miżuri.

Sakemm tgħaddi għall-inqas sena mill-estensjoni tal-miżuri, u fil-każ fejn in-numru ta' partijiet li jitolbu jew x'aktarx jitolbu eżenzjoni jkun sinjifikattiv, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi tibda' reviżjoni ta' l-estensjoni tal-miżuri. Kull reviżjoni bħal dik għandha titwettaq

skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(5) kif applikabbli rigward reviżjonijiet bis-saħħa ta' l-Artikolu 11(3).

5. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jimpedixxi l-applikazzjoni normali tad-dispożizzjonijiet infurzati li jikkonċernaw id-dazji tad-dwana.

Artikolu 14

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Dazji proviżorji jew definittivi ta' kontra d-dumping għandhom jiġu imposti mir-Regolament, u miġbura mill-Istati Membri, fil-forma, u r-rata speċifikata u skond il-kriterji l-oħra stabbiliti fir-Regolament li jimponi dazji bħal dawn. Dazji bħal dawn għandhom ukoll jiġu miġbura indipendentement mid-dazji tad-dwana, it-taxxi u ċ-ċifri l-oħra normalment imposti fuq l-importazzjonijiet.

Ebda prodott ma għandu jkun soġġett kemm għad-dazji kontra d-dumping kif ukoll għad-dazji kumpensatorji bl-iskop li jittrattaw l-istess sitwazzjoni li nħolqot minn dumping jew minn sussidji fuq l-esportazzjoni.

2. Ir-regolamenti li jimponu dazji proviżorji jew definittivi ta' kontra d-dumping, u r-regolamenti jew id-deċiżjonijiet li jaċċettaw l-impenji jew l-investigazzjonijiet jew proċeduri fit-tmiem tagħhom, għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Regolamenti jew deċiżjonijiet bħal dawn għandhom ikun fihom b'mod partikolari u bil-qies dovut għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali, l-ismijiet ta' l-esportaturi, jekk possibbli, jew tal-pajjiżi involuti, deskrizzjoni tal-prodott u ġabra fil-qosor tal-fatti materjali u l-kunsiderazzjonijiet rilevanti għall-istabbiliment ta' dumping u tal-ħsara. F'kull każ, kopja tar-regolament jew tad-deċiżjoni għandha tiġi mibgħuta lill-partijiet interessati magħrufa. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għar-reviżjonijiet.

3. Disposizzjonijiet speċjali, b'mod partikolari fejn għandha x'taqsam id-definizzjoni komuni tal-kunċett ta' oriġini, kif jinsab fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju[11] jistgħu jiġu adottati skond dan ir-Regolament.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(10)

4. Fl-interess tal-Unjoni, il-miżuri imposti skont dan ir-Regolament jistgħu jiġu sospiżi b'deċiżjoni tal-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 15(2) għal perijodu ta' disa' xhur. Is-sospensjoni tista' tiġi estiża għal perijodu ieħor, li ma jkunx iżjed minn sena, mill-Kummissjoni li taġixxi f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 15(2).

Il-miżuri jistgħu jiġu sospiżi biss meta l-kundizzjonijiet tas-suq jkunu nbidlu temporanjament sal-punt li jkun improbabbli li d-dannu jissokta bħala riżultat tas-sospensjoni, u sakemm l-industrija tal-Unjoni tkun ingħatat l-opportunità li tikkummenta u dawk il-kummenti jkunu ġew ikkunsidrati. Il-miżuri jistgħu fi kwalunkwe żmien jerġgħu jiddaħħlu f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 15(2) jekk ir-raġuni għas-sospensjoni ma tkunx għadha applikabbli.

---

[11] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

↓ 1225/2009 (adattat)
→1 37/2014 Art. 1 u Anness .22(10)

→1 5. Il-Kummissjoni tista', wara li tkun infurmat lill-Istati Membri fi żmien debitu, tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali sabiex jieħdu l-passi adatti biex jirreġistraw l-importazzjonijiet, sabiex il-miżuri jkunu jistgħu sussegwentement jiġu applikati kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' dik ir-reġistrazzjoni. ← L-importazzjonijiet jistgħu jsiru soġġetti għal reġistrazzjoni wara talba mill-industrija ⌦ tal-Unjoni ⌫ li jkun fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika azzjoni bħal din. Għandha tiġi introdotta reġistrazzjoni mir-regolament li għandu jispeċifika l-iskop ta' l-azzjoni u, jekk xieraq, l-ammont stmat ta' obbligazzjoni possibbli fil-ġejjieni. L-importazzjonijiet ma għandhomx jiġu magħmula soġġetti għal reġistrazzjoni ta' perjodu itwal minn disa xhur.

6. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni kull xahar, bil-kummerċ ta' l-importazzjoni fil-prodotti soġġetti għal investigazzjoni u għal miżuri, u dwar l-ammont ta' dazji miġbura skond dan ir-Regolament.

7. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6, il-Kummissjoni tista' titlob l-Istati Membri, fuq bażi ta' każ b'każ, li jagħtu l-informazzjoni neċessarja biex isir monitoraġġ effiċjenti fuq l-applikazzjoni tal-miżuri. Għal dan ir-rigward jgħoddu d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(3) u (4). Kull dejta sottomessa mill-Istati Membri skond dan l-Artikolu tkun koperta bid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(6).

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(10)

Artikolu 15

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.

5. Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 fejn isir użu tal-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni ta' miżuri definittivi skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jew għat-teħid ta' deċiżjoni biex jinbdew jew ma jinbdewx analiżijiet tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(6) ta' dan ir-Regolament, proċedura bħal din għandha tintemm mingħajr riżultat fejn, fil-limitu ta' żmien stipulat mill-president, dan jiġi deċiż mill-president jew dan jintalab minn maġġoranza tal-membri tal-kumitat kif definit fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn isir użu tal-proċedura bil-miktub f'każijiet oħra fejn tkun saret diskussjoni dwar l-abbozz ta' miżuri fil-kumitat, proċedura bħal din għandha tintemm mingħajr riżultat fejn, fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-president, dan jiġi deċiż mill-president jew jekk dan jintalab minn maġġoranza sempliċi ta' membri tal-kumitat. Fejn isir użu tal-proċedura bil-miktub f'każijiet oħra fejn tkun saret diskussjoni dwar l-abbozz ta' miżuri fil-kumitat,

proċedura bħal din għandha tintemm mingħajr riżultat fejn, fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-president, dan jiġi deċiż mill-president jew jekk dan jintalab minn tal-inqas kwart tal-membri tal-kumitat.

6. Il-Kumitat jista' jikkunsidra kull materja relatata mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imqajma mill-Kummissjoni jew wara talba minn Stat Membru. L-Istati Membri jistgħu jitolbu tagħrif u jistgħu jiskambjaw fehmiet fil-Kumitat jew direttament mal-Kummissjoni.

↓ 1225/2009 (adattat)

Artikolu 16

Żjarat ta' verifika

1. Il-Kummissjoni għandha, fejn tikkunsidra xieraq, twettaq żjarat biex teżamina r-rekords ta' l-importaturi, l-esportaturi, in-negozjanti, l-aġenti, il-produtturi, l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kummerċ u biex tivverifika l-informazzjoni mogħtija dwar dumping u l-ħsara. Fin-nuqqas ta' risposta xierqa u f'waqtha, iż-żjara ta' verifika ma tkunx tista ssir.

2. Il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjonijiet fil-pajjiżi terzi kif meħtieġ, sakemm tikseb il-kunsens tal-kumpanniji konċernati, tavża lir-rappreżentanti tal-gvern tal-pajjiż konċernat u dan ta' l-aħħar ma joġġezzjonax għall-investigazzjoni. Malli jintlaħaq qbil bejn il-kumpanniji konċernati, il-Kummissjoni għandha tavża lill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' esportazzjoni bl-ismijiet u l-indirizzi tal-kumpanniji li għandhom jirċievu żjara u d-dati miftiehma.

3. Il-kumpanniji konċernati għandhom jiġu mogħtija pariri dwar ix-xorta ta' informazzjoni li għandha tiġi vverifikata matul iż-żjarat ta' verifika u bi kwalunkwe informazzjoni oħra li għandha bżonn tiġi mogħtija matul żjarat bħal dawn, għalkemm dan ma għandux iħalli barra t-talbiet magħmula matul il-verifika għal iktar dettalji li għandhom jiġu mogħtija fid-dawl ta' l-informazzjoni miksuba.

4. Fl-investigazzjonijiet imwettqa skond il-paragrafi 1, 2 u 3, il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-uffiċjali ta' dawk l-Istati Membri li jitolbu hekk.

Artikolu 17

Teħid ta' kampjuni

1. F'każijiet fejn in-numru ta' min qiegħed jilmenta, l-esportaturi jew l-importaturi, it-tipi ta' prodott jew it-transizzjonijiet huma kbar, l-investigazzjoni tista' tiġi limitata għal numru raġjonevoli ta' partijiet, prodotti, jew transizzjonijiet bl-użu ta' teħid ta' kampjuni li huma statistikament validi fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli fiż-żmien ta' l-għażla, jew għall-akbar volum ta' produzzjoni, bejgħ jew esportazzjonijiet rappreżentanti li jistgħu b'mod raġjonevoli jiġu investigati fiż-żmien disponibbli.

2. L-għażla finali ta' partijiet, tipi ta' prodotti jew transizzjonijiet magħmula taħt dawn id-dispożizzjonijiet tal-kampjuni għandha tibqa' f'idejn il-Kummissjoni, għalkemm għandha tingħata preferenza għall-għażla ta' kampjun f'konsultazzjoni ma', u l-kunsens tal-partijiet konċernati, sakemm partijiet bħal dawn jagħmlu lihom infushom magħrufa u jagħmlu biżżejjed informazzjoni disponibbli, fi żmien tlett ġimgħat mill-bidu ta' l-investigazzjoni, sabiex jagħmluha possibbli li jiġi magħżul kampjun rappreżentattiv.

3. F'każijiet fejn l-eżami jkun ġie limitat skond dan l-Artikolu, il-marġini individwali ta' dumping għandu, madanakollu, jiġi kkalkulat għal kwalunkwe esportatur jew produttur mhux inizjalment magħżul li jissottometti l-informazzjoni neċessarja fi żmien it-termini perentorji

previsti f'dan ir-Regolament, ħlief fejn in-numru ta' esportaturi jew produtturi jkun daqshekk kbir li eżaminazzjonijiet individwali kienu jkunu ta' piż mhux dovut u kienu jkunu ta' xkiel għat-tmiem ta' l-investigazzjoni f'qasir żmien.

4. Fejn huwa deċiż li jiġi meħud kampjun u hemm grad ta' nuqqas ta' kooperazzjoni minn ftit jew ħafna mill-partijiet magħżula li x'aktarx materjalment jaffettwaw ir-riżultat ta' l-investigazzjoni, jista' jiġi magħżul kampjun ġdid.

Madanakollu, jekk grad materjali ta' nuqqas ta' koperazzjoni jippersisti jew ma jkunx hemm ħin biżżejjed biex jiġi magħżul kampjun ġdid, id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Artikolu 18 għandhom japplikaw.

Artikolu 18

Nuqqas ta' koperazzjoni

1. F'każijiet fejn kwalunkwe parti interessata tirrifjuta aċċess għal, jew inkella ma tagħtix informazzjoni neċessarja fi żmien il-limiti ta' żmien mogħtija f'dan ir-Regolament, jew timpedixxi l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, is-sejbiet proviżorji jew finali, affirmattivi jew negattivi, jistgħu jiġu magħmula fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

Fejn jinstab li parti interessata tkun forniet informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni għandha tiġi injorata u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli.

Partijiet interessati għandhom jiġu magħmula konxji mill-konsegwenzi ta' nuqqas ta' koperazzjoni.

2. Nuqqas ta' għoti ta' risposta kompjuterizzata ma għandhiex tiġi meqjusa li tikkonstitwixxi nuqqas ta' koperazzjoni, sakemm il-parti interessata turi li preżentazzjoni ta' risposta kienet tirriżulta fi sforz żejjed bla raġuni jew spiża żejda bla raġuni.

3. Fejn l-informazzjoni sottomessa minn parti interessata ma tkunx ideali f'kull rispett, din ma għandhiex madanakollu tiġi injorata, sakemm in-nuqqasijiet ma jkunux tali li jikkawżaw diffikultà mhux dovuta fil-wasla għas-sejba preċiża b'mod raġjonevoli u li l-informazzjoni tiġi sottomessa kif xieraq f'qasir żmien u li din tista' tiġi vverifikata, u li l-parti tkun aġixxiet bl-aħjar mod li tista'.

4. Jekk evidenza jew informazzjoni mhumiex aċċettati, il-parti li tforni l-informazzjoni għandha tiġi infurmata mill-ewwel bir-raġunijiet segwenti u għandha tiġi mogħtija l-opportunità li tagħti iktar spjegazzjonjiet fi żmien il-limitu ta' żmien speċifikat. Jekk l-ispjegazzjonijiet jiġu kkunsidrati mhux soddisfaċenti, ir-raġunijiet għal ċaħda ta' evidenza jew informazzjoni bħal din għandhom jiġu rivelati u mogħtija f'sejbiet pubblikati.

5. Jekk it-tisjib, inkluži dawk li għandhom x'jaqsmu mal-valur normali, jkunu bbażati fuq id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, inkluża l-informazzjoni fornita fl-ilment, għandhom, fejn prattikabbli u b'qies dovut għal-limiti ta' żmien ta' l-investigazzjoni, jiġu mfittxa b'referenza għall-informazzjoni minn sorsi oħra indipendenti li jistgħu ikunu disponibbli, bħal listi ta' prezzijiet ippubblikati, statistiċi uffiċjali ta' l-importazzjoni u r-*returns* tad-dwana, jew informazzjoni miksuba minn partijiet oħra interessati matul l-investigazzjoni.

Din l-informazzjoni tista' tinkludi dejta rilevanti li tappartjeni għas-suq dinji jew swieq oħra rappreżentattivi, fejn ikun xieraq.

6. Jekk parti interessata ma tikkoperax, jew tikkopera biss parzjalment, sabiex informazzjoni rilevanti tiġi b'hekk miżmuma, ir-riżultat jista jkun inqas favorevoli għall-parti milli kieku kienet ikkoperat.

Artikolu 19

Il-Kunfidenzjalità

1. Kwalunkwe informazzjoni li hija ta' xorta kunfidenzjali, (per eżempju, minħabba li r-rivelazzjoni tagħha kienet ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti għall-kompetitur jew kien ikollha effett kuntrarju sinifikanti fuq il-persuna li tforni l-informazzjoni jew fuq il-persuna li minn għandha jkun akkwista l-informazzjoni) jew li hija mogħtija fuq bażi kunfidenzjali minn partijiet għall-investigazzjoni għandha, jekk tiġi murija raġuni tajba, tiġi ttrattata b'hekk mill-awtoritajiet.

2. Partijiet interessati li jagħtu informazzjoni kunfidenzjali għandhom ikunu meħtieġa li jfornu taqsiriet mhux kunfidenzjali ta' hekk. Dawk it-taqsiriet għandhom ikunu ddettaljati biżżejjed biex jippermettu ftehim raġjonevoli tas-sustanza ta' l-informazzjoni sottomessa b'kunfidenzjalità. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, partijiet bħal dawn jistgħu juru li informazzjoni bħal din mhix suxxettibbli għal taqsira. F'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn, għandha tiġi mogħtija dikjarazzjoni tar-raġunijiet għaliex tali sunt mhuwiex possibbli.

3. Jekk jiġi kkunsidrat li talba għall-kunfidenzjalità mhix garantita u jekk il-fornitur ta' l-informazzjoni huwa jew mhux lest li jagħmel l-informazzjoni disponibbli jew li jawtorizza it-tagħrif tagħha taħt forma ġeneralizzata jew f'taqsira, informazzjoni bħal din tista' tiġi injorata sakemm ma jistax jintwera b'mod soddisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta. Talbiet għall-kunfidenzjalità ma għandhomx jiġu miċħuda b'mod arbitrarju.

4. Dan l-Artikolu ma għandux jeskludi l-iżvelar ta' informazzjoni ġenerali mill-awtoritajiet Komunitarji u b'mod partikolari ir-raġunijiet li fuqhom id-deċiżjonijiet meħuda skond dan ir-Regolament huma bbażati, jew it-tagħrif ta' l-evidenza li jistrieħu fuqha l-awtoritajiet ⌦ tal-Unjoni ⌫ sakemm ikun meħtieġ li jiġu spjegati dawk ir-raġunijiet fil-proċeduri tal-qorti. Tagħrif bħal dan għandu jagħti kas ta' l-interessi leġittimi tal-partijiet konċernati biex l-interessi tal-kummerċ tagħhom ma jiġux żvelati.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(12)

5. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, inkluż l-uffiċjali tagħhom it-tnejn, ma għandhomx jiżvelaw informazzjoni li tkun waslitilhom skont dan ir-Regolament li għaliha jkun intalab trattament kunfidenzjali mill-fornitur tagħha, mingħajr permess speċifiku min dak il-fornitur. Skambji ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, jew ta' kwalunkwe dokumenti interni preparati mill-awtoritajiet tal-Unjoni jew l-Istati Membri, ma għandhomx jiġu żvelati minbarra kif speċifikament stipulat f'dan ir-Regolament.

↓ 1225/2009

6. L-informazzjoni riċevuta skond dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-għan li għalih tkun ġiet mitluba.

Din id-disposizzjoni ma għandhiex tipprekludi l-użu ta' informazzjoni riċevuta fil-kuntest ta' investigazzjoni waħda għall-għan tal-bidu ta' investigazzjonijiet oħra fl-istess proċediment rigward il-prodott ikkonċernat.

Artikolu 20

L-iżvelar

1. Min jagħmel l-ilment, l-importaturi u l-esportaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentanti tagħhom, u r-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni, jistgħu jitolbu żvelar tad-dettalji taħt il-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet fuq il-bażi li fuqha ġew imposti l-miżuri proviżorji. Talbiet għal żvelar bħal dan għandhom jiġu magħmula bil-miktub immedjatament wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, u l-iżvelar għandu jsir bil-miktub kemm jista' jkun malajr possibbli wara.

2. Il-partijiet msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jitolbu żvelar finali tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali fuq il-bażi li fuqha huwa maħsub li tiġi rrakkomandata l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi, jew it-terminazzjoni ta' investigazzjoni jew proċeduri mingħajr impożizzjoni tal-miżuri, b'attenzjoni partikolari mogħtija lill-iżvelar ta' kwalunkwe fatti jew kunsiderazzjonijiet li huma differenti minn dawk użati għal kwalunkwe miżuri proviżorji.

3. Talbiet għal żvelar finali, kif definit fil-paragrafu 2, għandhom jiġu indirizzati lill-Kummissjoni bil-miktub u riċevuti, f'każijiet fejn ġie applikat dazju proviżorji, mhux iktar tard minn xahar wara l-pubblikazzjoni ta' l-impożizzjoni ta' dak id-dazju. Fejn ma jkunx ġie applikat dazju proviżorji, il-partijiet għandhom jiġu mogħtija opportunità li jitolbu żvelar finali fi żmien limiti ta' żmien stabbiliti mill-Kummissjoni.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(13)

4. Żvelar finali għandu jiġi mogħti bil-miktub. Dan għandu jsir, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali, kemm jista' jkun malajr u, normalment, mhux iktar tard minn xahar qabel il-ftuħ tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 9. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx fil-pożizzjoni li tiżvela xi fatti jew kunsiderazzjonijiet f'dak il-ħin, dawn għandhom jiġu żvelati kemm jista' jkun malajr wara.

L-iżvelar ma għandu jippreġudika l-ebda deċiżjoni sussegwenti li tista' tittieħed mill-Kummissjoni, imma meta deċiżjoni bħal din tkun ibbażata fuq kwalunkwe fatti u kunsiderazzjonijiet differenti, dawn għandhom jiġu żvelati kemm jista' jkun malajr.

5. Rappreżentazzjonijiet li jsiru wara li jingħata t-tagħrif finali għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk jaslu fi żmien perijodu li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni f'kull każ, li għandu jkun mill-inqas għaxart ijiem, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta lill-urġenza tal-kwistjoni. Jista' jiġi stabbilit perijodu iqsar kull darba jkun jrid isir żvelar finali addizzjonali.

↓ 1225/2009 (adattat)

Artikolu 21

L-interess tal- ⌦ Unjoni ⌫

1. Għandu jkun stabbilit jekk l-interess Komunitarju jitlobx intervent fuq il-bażi ta' apprezzament ta' l-interessi varji kollha meħuda globalment, inklużi l-interessi ta' l-industrija u dawk fl-użu u l-konsumaturi domestiċi. Dan l-istabbiliment skond dan l-Artikolu għandu biss isir fejn il-partijiet kollha ġew mogħtija l-opportunità li jagħmlu l-opinjonijiet tagħhom magħrufa skond il-paragrafu 2. F'eżaminazzjoni bħal din, il-bżonn illi tiġi eliminata l-ħsara li jikkawża dumping u li jreġġa' l-kompetizzjoni effettiva għandu jiġi mogħti kunsiderazzjoni speċjali. Miżuri, kif stabbiliti fuq il-bażi ta' dumping u l-ħsara misjuba, ma jistgħux jiġu

applikati fejn l-awtoritajiet, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni sottomessa, jistgħu jikkonkludu b'mod ċar li mhuwiex fl-interess tal- ⌦ Unjoni ⌫ li jiġu applikati miżuri bħal dawn.

2. Sabiex tiġi mogħtija bażi soda li fuqha l-awtoritajiet jistgħu jagħtu kas ta' l-opinjonijiet u l-informazzjoni kollha fid-deċiżjoni ta' jekk l-impożizzjoni tal-miżuri hiex fl-interess tal- ⌦ Unjoni ⌫ jew le, min jagħmel l-ilmenti, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, dawk ir-rappreżentanti fl-użu u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur rappreżentattivi jistgħu, fi żmien il-limiti ta' żmien speċifikati fin-notifikazzjoni ta' l-bidu ta' l-investigazzjoni ta' kontra dumping, jagħmlu lilhom infushom magħrufa u jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni. Informazzjoni bħal din, jew ġabriet fil-qosor xierqa, għandhom jiġu magħmula disponibbli lill-partijiet l-oħra speċifikati f'dan l-Artikolu, u għandhom ikunu intitolati li jirrispondu għal informazzjoni bħal din.

3. Il-partijiet li aġixxew f'konformità mal-paragrafu 2 jistgħu jitolbu li jiġu mismugħa. Talbiet bħal dawn għandhom jiġu mogħtija meta jiġu ppreżenatati fi żmien il-limiti ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 2, u meta jistabbilixxu raġunijiet, f'termini ta' l-interess ⌦ tal-Unjoni ⌫, għalfejn il-parti għandha tiġi mismugħa.

↓ 37/2014 Art. 1 u Anness .22(14)

4. Il-partijiet li aġġixxew f'konformità mal-paragrafu 2 jistgħu jipprovdu kummenti fuq l-applikazzjoni ta' kwalunkwe dazji provviżorji. Kummenti bħal dawn għandhom jaslu fi żmien 25 jum mid-data tal-applikazzjoni ta' miżuri bħal dawn jekk għandu jingħata kas tagħhom u dawn, jew taqsiriet xierqa tagħhom, għandhom jiġu magħmula disponibbli lill-partijiet l-oħra li għandhom ikunu intitolati li jirrispondu għal kummenti bħal dawn.

5. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-informazzjoni li tkun ppreżentata kif suppost u kemm din tkun rappreżentattiva, u r-riżultati ta' din l-analiżi, flimkien ma' opinjoni fuq il-merti tagħha, għandhom jintbagħtu lill-Kumitat bħala parti mill-abbozz ta' miżuri ppreżentati skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-fehmiet espressi fil-kumitat taħt il-kondizzjonijiet previsti fir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

6. Il-partijiet li aġixxew f'konformità mal-paragrafu 2 jistgħu jitolbu l-fatti u l-konsiderazzjonijiet li fuqhom x'aktarx li jittieħdu d-deċiżjonijiet finali biex jiġu magħmula disponibbli għalihom. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli sakemm ikun possibbli u bla ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti meħuda mill-Kummissjoni.

↓ 1225/2009 (adattat)

7. Informazzjoni għandha tiġi meqjusa biss fejn tkun appoġġata minn evidenza attwali li tissostanzja l-validità tagħha.

Artikolu 22

Dispożizzjonijiet finali

Dan ir-Regolament ma għandux jipprekludi l-applikazzjoni ta':

a) kwalunkwe regoli speċjali stabbiliti fil-ftehim konklużi bejn il- ⌦ Unjoni ⌫ u l-pajjiżi terzi;

b) ir-Regolamenti tal- ⌦ Unjoni ⌫ fis-settur agrikolu u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1667/2006[12], (KE) Nru 614/2009[13] u (KEE) Nru 1216/2009[14]. Dan ir-Regolament għandu jaħdem bħala kumpliment għal dawk ir-Regolamenti u kontra kwalunkwe dispożizzjoni tagħhom li tipprekludi l-applikazzjoni tad-dazji kontra dumping;

ċ) miżuri speċjali, sakemm azzjoni bħal din ma tmurx kontra l-obbligi skond il-GATT.

↓ 37/2014

Artikolu 23

Rapport

1. Il-Kummissjoni, b'rispett dovut għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 19, għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi, it-tmiem ta' investigazzjonijiet mingħajr miżuri, investigazzjonijiet mill-ġdid, reviżjonijiet u żjarat ta' verifika, u l-attivitajiet tad-diversi korpi responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament u l-issodisfar tal-obbligi li jiġu minnhom.

2. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tiegħu biex jippreżenta u jispjega kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.

↓ 1225/2009 (adattat)

Artikolu 24

Revoka

Ir-Regolament (KE) Nru ⌦ 1225/2009 ⌫ huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

---

12 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1667/2006 tas-7 ta' Novembru 2006 dwar il-glukosju u l-lattosju (ĠU L 312, 11.11.2006, p. 1).

13 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 614/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 dwar is-sistema komuni ta' kummerċ għall-ovalbumina u laktalbumina (ĠU L 181, 14.7.2009, p. 8).

14 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 10).

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ

Dan id-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*